2025/2219

4.11.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2219

tat-3 ta' Novembru 2025

li jimponi dazji anti-dumping proviżorji fuq l-importazzjonijiet ta' plywood tal-artab li joriġina mir-Repubblika Federattiva tal-Brażil

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Istati Membri,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

(1) Fis-6 ta' Marzu 2025, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' plywood tal-artab li joriġina mir-Repubblika Federattiva tal-Brażil ("il-pajjiż ikkonċernat" jew "il-Brażil") fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("in-Notifika tal-Bidu").

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment ippreżentat fl-20 ta' Jannar 2025 mis-Softwood Plywood Consortium ("l-ilmentatur"). L-ilment sar f'isem l-industrija tal-plywood tal-artab tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u tad-dannu materjali li jirriżulta li kienet biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

1.2. Reġistrazzjoni

(3) Il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għar-reġistrazzjoni bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/922 ([3]) ("ir-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni").

1.3. Partijiet interessati

(4) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni informat speċifikament lill-ilmentatur, lil produtturi magħrufa tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa u lill-awtoritajiet Brażiljani, lill-importaturi, lill-fornituri u lill-utenti magħrufa, lin-negozjanti, kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet magħrufa li huma kkonċernati dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jipparteċipaw.

(5) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tal-investigazzjoni u li jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) ĠU C, C/2025/1490, 6.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/1490/oj.
([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/922 tal-20 ta' Mejju 2025 li jagħmel l-importazzjonijiet tal-plywood tal-artab li joriġina mill-Brażil soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L, 2025/922, 21.5.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/922/oj).

1.4. **Kummenti dwar il-bidu**

(6) Wara l-bidu, l-ilmentatur, l-Assoċjazzjoni Brażiljana għall-Injam Ipproċessat Mekkanikament ("ABIMCI"), l-Alleanza ta' Interess Kummerċjali tal-Plywood ("PTIA"), li hija raggruppament *ad hoc* ta' importaturi mhux relatati fl-UE, u l-importaturi mhux relatati Bo Andrén AB, Keflico u Schüttler Holzmakler/Agentur e.K. għamlu sottomissjonijiet dwar l-evidenza fl-ilment relatat mad-dumping, id-dannu, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni. Bi tweġiba, tliet produtturi tal-Unjoni kif ukoll l-ilmentatur ipprovdew kummenti. Il-kummenti huma indirizzati hawn taħt.

(7) ABIMCI għamlet sottomissjonijiet addizzjonali li kkonfutaw il-kummenti tal-ilmentatur, skont it-Taqsima 8 tan-Notifika tal-Bidu. It-Taqsima 8 tipprevedi li jenħtieġ li kwalunkwe kumment dwar l-informazzjoni ppreżentata minn partijiet interessati qabel l-iskadenza tal-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji jsir fi żmien 75 jum mid-data tal-pubblikazzjoni tan-Notifika tal-Bidu, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Il-kummenti ta' konfutazzjoni ta' ABIMCI ġew ippreżentati fl-14 ta' Lulju 2025.

(8) Billi dawn il-kummenti ġew sottomessi barra mil-limiti ta' żmien rilevanti stabbiliti min-Notifika tal-Bidu, ma setgħux jitqiesu f'dan l-istadju tal-investigazzjoni.

Kummenti dwar l-ilment u l-proċedura

(9) ABIMCI qajmet tħassib dwar il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni fl-ilment, partikolarment ABIMCI allegat in-nuqqas ta' sommarji mhux kunfidenzjali sinifikanti tad-data użata għall-kalkolu tal-valur normali li serraħ fuqu għall-allegazzjonijiet ta' dumping u l-metodoloġija u s-sorsi użati fir-"Rapport dwar il-Valur Normali". ABIMCI argumentat li dan in-nuqqas ta' trasparenza pprevjena lill-partijiet interessati milli jkollhom fehim raġonevoli tal-informazzjoni kunfidenzjali, li kienet essenzjali għad-difiża tad-drittijiet tagħhom u biex jipprovdu kummenti sinifikanti dwar l-allegazzjonijiet ta' dumping u dannu.

(10) Il-PTIA allegat redazzjoni eċċessiva tad-data dwar id-dannu fl-ilment. Hija argumentat li dan fixkel il-kapaċità tal-partijiet interessati li jifhmu u jwieġbu b'mod sinifikanti għal allegazzjonijiet ta' dannu materjali.

(11) L-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku jippermetti s-salvagwardja ta' informazzjoni kunfidenzjali f'ċirkostanzi fejn id-divulgazzjoni tkun ta' vantaġġ kompetittiv sinifikanti għal kompetitur jew ikollha effett negattiv sinifikanti fuq persuna li tipprovdi l-informazzjoni jew fuq persuna li mingħandha dik il-persuna tkun kisbet l-informazzjoni.

(12) Il-Kummissjoni nnotat li ċerta informazzjoni (bħall-istudju kkummissjonat mill-ilmentatur għall-fini tal-ġbir ta' informazzjoni dwar il-prezzijiet domestiċi tal-plywood tal-artab fil-Brażil) kienet kunfidenzjali min-natura tagħha u ma kinitx suxxettibbli għal sommarju mhux kunfidenzjali. Barra minn hekk, id-diversi rapporti msemmija fl-ilment kienu soġġetti għad-drittijiet tal-awtur.

(13) Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-verżjoni miftuħa għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati tal-ilment kien fiha biżżejjed evidenza essenzjali u sommarji mhux kunfidenzjali tad-data mogħtija trattament kunfidenzjali biex tippermetti lill-partijiet interessati jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom tad-difiża matul il-proċediment kollu u kkonformat mar-rekwiżiti tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni qieset ukoll il-forniment ta' data f'firxa flimkien mal-indiċijiet bħala suffiċjenti biex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom matul il-proċediment u kienet konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku. B'hekk, il-Kummissjoni ċaħdet dawn l-affermazzjonijiet.

(14) BO Andrén AB argumentat li l-valuri użati fl-ilment bħala l-prezzijiet tas-suq domestiku tal-Brażil ma kinux preċiżi peress li l-prodotti mibjugħa fis-suq Brażiljan fil-biċċa l-kbira jkollhom karatteristiċi differenti tal-prodott u dawn id-differenzi jagħmlu kwalunkwe tqabbil dirett tal-prezzijiet bejn il-pannelli Brażiljani domestiċi u l-prodott tal-esportazzjoni invalidu. Barra minn hekk, Bo Andrén AB argumentat li d-data tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Injam Tropikali (ITTO) użata fl-ilment bħala referenza għall-kalkolu tal-Valur Normali ma tkunx rappreżentattiva peress li l-ITTO primarjament tittraċċa prodotti tropikali tal-injam iebes, mhux plywood tal-artab. Dan iżid b'mod artifiċjali l-marġnijiet tad-dumping. BO Andrén AB talbet lill-Kummissjoni tivvaluta mill-ġdid dik id-data u tinkorpora sorsi jew metodoloġiji alternattivi ta' data li jirriflettu b'mod preċiż is-suq Brażiljan tal-plywood tal-artab.

(15) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni enfasizzat li l-applikazzjoni għandha tinkludi provi suffiċjenti. B'partikolari skont il-ġuriprudenza stabbilita, il-kwantità u l-kwalità tal-provi neċessarji sabiex jiġu ssodisfatti l-kriterji tas-suffiċjenza tal-provi għall-finijiet tal-ftuħ ta' investigazzjoni huma differenti minn dawk li huma neċessarji għall-finijiet ta' determinazzjoni preliminari jew finali tal-eżistenza ta' dumping u ta' dannu ([4]). F'dan l-isfond, il-Kummissjoni qieset li l-applikazzjoni pprovdiet biżżejjed evidenza ta' dumping. Ir-rapport dwar il-prezzijiet domestiċi fl-Anness 8 tal-ilment kien fih parti deskrittiva tal-metodoloġija użata u tas-sorsi tad-data kif ukoll biżżejjed data dwar il-prezzijiet biex isservi bħala evidenza.

Kummenti dwar id-dumping

(16) ABIMCI kkontestat l-allegazzjonijiet tal-ilmentatur ta' dumping, billi affermat li dawn ma għandhomx validità legali skont l-Artikolu 5.2 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Anti-Dumping ("ADA", Anti-Dumping Agreement). ABIMCI qalet li l-affermazzjonijiet tal-ilmentatur kienu jiddependu fuq data mhux ivverifikata u mhux kompluta u li l-ilmentatur kien spekula fuq l-istabbiltà tal-prezzijiet bl-użu tal-plywood tal-parica (prodott tal-injam iebes mhux komparabbli), approċċ metodoloġikament żbaljat.

(17) ABIMCI qalet ukoll li l-prezzijiet domestiċi użati fl-ilment kienu minfuħa meta mqabbla mal-prezzijiet attwali tal-plywood tal-arżnu (tal-*pinus elliottii*) fil-Brażil, li kienu ferm aktar baxxi. Fl-aħħar nett, l-investigazzjoni anti-dumping li ntemmet tal-Arġentina dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti tipi ta' pannelli tal-plywood fenoliku mill-Brażil ([5]) appoġġat il-pożizzjoni ta' ABIMCI li ma kienx qed iseħħ dumping. ABIMCI kkonkludiet li dawn in-nuqqasijiet rendew l-allegazzjonijiet mhux sostanzjati u legalment insuffiċjenti.

(18) Madankollu, il-Kummissjoni qieset li l-ilment kien fih biżżejjed evidenza li tipponta lejn l-eżistenza ta' dumping, f'konformità mal-istandard legali rilevanti deskritt fil-Premessa 15. Il-kalkoli tad-dumping fil-verżjoni miftuħa tal-ilment ipprovdew spjegazzjoni dettaljata tal-elementi differenti kollha użati biex wieħed jasal għall-kalkolu tad-dumping, inklużi s-sorsi kollha użati għal dawn il-kalkoli, b'hekk il-partijiet interessati jkunu jistgħu jifhmu b'mod sinifikanti l-elementi ewlenin tal-allegazzjoni ta' dumping.

(19) L-investigazzjoni fl-Arġentina kienet tikkonċerna suq differenti mill-UE u għalhekk kienet irrelevanti għall-allegazzjonijiet biex tinbeda l-investigazzjoni attwali.

(20) Għalhekk, il-kumment rigward l-allegazzjonijiet tal-ilment ta' dumping ma ntlaqax.

Kummenti dwar id-dannu

(21) ABIMCI kkontestat l-allegazzjonijiet ta' dannu affermat fl-ilment. Hija argumentat li l-allegazzjonijiet ta' dannu minħabba żieda fil-volumi tal-importazzjoni Brażiljana bi prezzijiet baxxi ma kellhomx eżami oġġettiv. Hija argumentat ukoll li l-indikaturi mikroekonomiċi u makroekonomiċi rrapportati kienu bbażati fuq stimi u data spekulattiva.

(22) ABIMCI enfasizzat li eżami oġġettiv ġenwin kellu jinvolvi valutazzjoni imparzjali li tinvolvi l-verifika tal-evidenza kontradittorja u kellha tikkonforma mal-prinċipji ta' *bona fide* u ġustizzja fundamentali.

(23) Barra minn hekk, ABIMCI argumentat li l-volum tal-importazzjonijiet Brażiljani kien naqas, u sostniet li dawn segwew l-istess xejra bħall-konsum tal-Unjoni. Hija sostniet ukoll li l-prezzijiet tal-importazzjoni Brażiljana żdiedu matul il-perjodu kkunsidrat.

(24) Il-PTIA kkontestat ukoll l-allegazzjonijiet ta' dannu sostnuti fl-ilment. Hija argumentat li ż-żieda fl-importazzjonijiet Brażiljani ġiet iddikjarata b'mod eċċessiv u attribwiet iż-żieda prinċipalment għal ritorn għan-normalità wara tfixkil fis-suq relatat mal-COVID-19. Hija nnotat li ż-żieda fil-volum irrapportata mill-2021 sal-PI rriflettiet biss ritorn għal-livelli storiċi prevalenti qabel il-pandemija.

([4]) Is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2017, Viraj Profiles Ltd vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kawża T-67/14, ECLI:EU:T:2017:481, il-paragrafu 98.

([5]) https://globaltradealert.org/intervention/16770.

(25) Barra minn hekk, il-PTIA argumentat li l-importazzjonijiet mill-Brażil fil-fatt naqsu bi 11 % mill-2022 sal-PI, u kkontestat l-allegazzjonijiet fl-ilment li kien hemm influss sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat. Hija argumentat ukoll li kwalunkwe xejra negattiva osservata ġiet murija b'mod falz bħala dannu meta dawn kienu sempliċiment l-effetti tas-swieq li kienu qed jistabbilizzaw wara l-irkupru ta' wara l-COVID.

(26) Fl-aħħar nett, ikkontestat is-suffiċjenza u ċ-ċarezza tad-data rigward il-prezzijiet u l-volumi tal-importazzjoni, u indikat li l-analiżi tad-dannu ma kinitx konklużiva minħabba d-dipendenza fuq perjodi mhux rappreżentattivi u data spekulattiva.

(27) Il-Kummissjoni sabet li l-ilment kien fih biżżejjed evidenza għal sejba ta' dannu materjali meħtieġa għall-bidu ta' investigazzjoni. Kemm l-indikaturi makroekonomiċi kif ukoll dawk mikroekonomiċi ġew analizzati fit-taqsima 6 tal-ilment. Il-Kummissjoni tfakkar li sejba ta' dannu materjali meħtieġa għall-bidu ta' investigazzjoni tirrikjedi eżami tal-fatturi rilevanti kif deskritt fir-Regolament bażiku.

(28) Mhuwiex speċifikament meħtieġ mill-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku li l-fatturi ta' dannu kollha msemmija fl-Artikolu 3(5) juru deterjorament sabiex id-dannu materjali jkun sostanzjat biżżejjed għall-fini tal-bidu ta' investigazzjoni. Il-formulazzjoni tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament bażiku tiddikjara li l-ilment għandu jkun fih l-informazzjoni dwar il-bidliet fil-volum tal-importazzjonijiet allegatament oġġett ta' dumping, l-effett ta' dawk l-importazzjonijiet fuq il-prezzijiet tal-prodott simili fis-suq tal-Unjoni u l-impatt konsegwenti tal-importazzjonijiet fuq l-industrija tal-Unjoni, kif muri mill-fatturi rilevanti (mhux neċessarjament kollha). L-ilment kien fih din l-informazzjoni, li indikat l-eżistenza ta' dannu.

(29) Għaldaqstant, il-Kummissjoni qieset li l-ilment kien fih biżżejjed evidenza ta' dannu u ċaħdet l-affermazzjonijiet minn ABIMCI u PTIA.

(30) ABIMCI u l-PTIA kkontestaw ukoll l-użu tas-sena 2021 bħala punt ta' referenza (sena bażi), bl-argument li matul din is-sena kif ukoll fl-2022, l-industriji kienu qed jirkupraw mill-COVID-19 u, għalhekk, mhuwiex rappreżentattiv għall-analiżi tad-dannu.

(31) Il-Kummissjoni sabet li l-perjodu kkunsidrat magħżul għall-evalwazzjoni tad-dannu huwa konformi mal-prattika stabbilita tal-Kummissjoni, li tinvolvi r-rieżami tad-dannu materjali fuq firxa ta' tliet snin kalendarji flimkien mal-perjodu ta' investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjonijiet ta' ABIMCI u PTIA.

1.5. **Kampjunar**

(32) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni

(33) Fin-Notifika tal-Bidu tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet għażlet b'mod proviżorju kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun fuq il-bażi tal-akbar volum ta' produzzjoni u bejgħ li seta' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli u li kien jiżgura firxa ġeografika tajba. Dan il-kampjun kien jikkonsisti minn 3 produtturi tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw aktar minn 55 % tal-volum totali stmat tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw dwar il-kampjun proviżorju. Ma wasal l-ebda kumment. Il-kampjun huwa rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

Kampjunar ta' importaturi mhux relatati

(34) Biex tiddeċiedi jekk kienx meħtieġ li jittieħed kampjun u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni staqsiet lil importaturi mhux relatati biex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika tal-Bidu.

(35) Erbatax-il importatur mhux relatat ippreżentaw l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' żewġ importaturi mhux relatati fuq il-bażi tal-volum tal-importazzjonijiet mill-Brażil lejn l-Unjoni tal-prodott taħt investigazzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Il-kampjun kien jirrappreżenta madwar 10 % tal-kwantità totali stmata tal-importazzjoni tal-prodott taħt investigazzjoni mill-Brażil lejn l-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, l-importaturi kollha magħrufa kkonċernati ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun. Ma wasal l-ebda kumment.

Kampjunar tal-produtturi esportaturi

(36) Biex tiddeċiedi jekk kienx meħtieġ kampjunar u, jekk iva, tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fil-Brażil jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika tal-Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika Federattiva tal-Brażil tidentifika u/jew tikkuntattja lil produtturi esportaturi oħrajn, jekk hemm, li jistgħu jkunu interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(37) Total ta' 59 produttur esportatur fil-pajjiż ikkonċernat ipprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. F'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' żewġ produtturi esportaturi fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li seta' jiġi investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli, jiġifieri Nereu Rodrigues & Cia Ltda ("Nereu") u Indústria de Compensados Sudati Ltda ("Sudati").

(38) F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufa kollha kkonċernati, u l-awtoritajiet tal-pajjiż ikkonċernat, ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun.

(39) Produttur esportatur li ma kienx inkluż fil-kampjun proviżorju, Indústria de Compensados Guararapes Ltda. ("Guararapes") talab li jiġu inklużi fil-kampjun. Guararapes argumenta li l-kampjun proviżorju għandu rappreżentattività limitata, peress li kopra biss 30 % tal-esportazzjonijiet Brażiljani tal-plywood tal-artab lejn l-Unjoni b'żewġ esportaturi biss. Huwa argumenta wkoll li kien hemm diskrepanza fir-rappreżentattività, peress li l-industrija tal-Unjoni kienet tirrappreżenta 50 % tal-produzzjoni tal-Unjoni.

(40) Fl-istess ħin, l-esportatur inkluż fil-kampjun Sudati identifika kumpaniji relatati li wkoll ipproduċew u esportaw il-prodott ikkonċernat, jiġifieri Guararapes u Conply Indústria de Compensados Ltda. Dawn il-kumpaniji esportaturi ġew sussegwentement inklużi fil-kampjun finali.

(41) Il-kampjun finali tal-produtturi esportaturi għalhekk kien jikkonsisti minn grupp ta' kumpaniji relatati fuq livell ta' familja (Sudati, Guararapes u Conply, li għandhom jissejħu l-"Grupp SCG") u produttur esportatur wieħed mhux relatat (Nereu).

(42) Bi tweġiba għall-kumment li sar minn Guararapes, il-Kummissjoni tinnota li r-rappreżentanza tal-industrija tal-Unjoni tal-produzzjoni tal-Unjoni hija irrilevanti għall-għażla tal-kampjun tal-produtturi esportaturi.

1.6. **Eżami individwali**

(43) Guararapes issottomettiet talba għal eżami individwali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku, fejn sostniet li r-rabtiet familjari li jgħaqqduha ma' Sudati u Conply ma jikkompromettux l-indipendenza legali u operazzjonali tagħha. Il-kumpanija żżomm awtonomija legali u operazzjonali sħiħa miż-żewġ esportaturi Brażiljani u għalhekk jenħtieġ li tiġi ttrattata bħala entità ekonomika distinta għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni.

(44) Il-Kummissjoni tinnota li, skont l-Artikolu 127(h) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 ([6]), il-produtturi esportaturi jitqiesu bħala entitajiet relatati jekk jappartjenu għall-istess familja. It-talba għal eżami individwali ppreżentata minn Guararapes skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament Bażiku għalhekk ġiet miċħuda.

1.7. Tweġibiet għall-kwestjonarju u żjarat ta' verifika

(45) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fil-Brażil, lill-produtturi, lill-importaturi u lill-utenti tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. L-istess kwestjonarji saru disponibbli online ([7]) fil-jum tal-bidu.

(46) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa għal determinazzjoni proviżorja ta' dumping, id-dannu li jirriżulta u l-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku twettqu fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni

— UPM Plywood Oy, Lahti, il-Finlandja ("UPM")

— Paged Plywood S.A., Morąg, il-Polonja ("Paged")

— SAS Thebault Plyland, Solférino, Franza ("Thebault")

Importaturi

— Altripan NV, Antwerp, il-Belġju ("Altripan")

Produtturi esportaturi fil-Brażil

— Indústria de Compensados Sudati Ltda., Palmas, Paraná, il-Brażil

— Conply Indústria de Compensados Ltda., Palmas, Paraná, il-Brażil

— Indústria de Compensados Guararapes Ltda., Palmas, Paraná, il-Brażil

— Nereu Rodrigues & Cia Ltda., Correia Pinto, Santa Catarina, il-Brażil u l-kumpanija tal-bejgħ relatata tagħha

1.8. Perjodu ta' investigazzjoni u perjodu kkunsidrat

(47) L-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024 ("il-perjodu ta' investigazzjoni" jew "PI"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

2. PRODOTT TAĦT INVESTIGAZZJONI, PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

2.1. Prodott taħt investigazzjoni

(48) Il-prodott taħt investigazzjoni huwa plywood li jikkonsisti biss minn folji tal-injam (għajr il-bambù), b'kull folja ma taqbiżx il-ħxuna ta' 6 mm, biż-żewġ saffi ta' barra tal-injam koniferu, kemm jekk miksijin jew bil-wiċċ miksi kif ukoll jekk le ("plywood tal-artab"), li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM 4412 39 00 ("il-prodott taħt investigazzjoni").

(49) Il-plywood tal-artab jintuża f'firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet, bħal fil-kostruzzjoni, fl-għamara, fil-pannelli tal-ħitan, fis-saffi ta' taħt tal-art (bħal fil-parquet), kif ukoll fl-industriji tal-imballaġġ u tas-soqfa.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/2447/oj).

([7]) https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2779.

2.2. **Prodott ikkonċernat**

(50) Il-prodott ikkonċernat huwa plywood tal-injam artab li joriġina mill-Brażil, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM 4412 39 00 ("il-prodott ikkonċernat").

2.3. **Prodott simili**

(51) L-investigazzjoni wriet li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat meta jiġi esportat lejn l-Unjoni;

— il-prodott taħt investigazzjoni manifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tal-pajjiż ikkonċernat; kif ukoll

— il-prodott taħt investigazzjoni manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(52) F'dan l-istadju l-Kummissjoni ddeċidiet li, għalhekk, dawk il-prodotti huma prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

2.4. **Affermazzjonijiet rigward l-ambitu tal-prodott**

(53) Il-PTIA qajmet tħassib dwar il-komparabbiltà u l-klassifikazzjoni tal-prodotti involuti. Hija argumentat li hemm distinzjoni kritika bejn il-plywood tal-artab strutturali u mhux strutturali, li l-ambitu attwali tal-prodott ma jindirizzax b'mod adegwat. Il-PTIA ssuġġeriet li dawn id-differenzi għandhom impatt sinifikanti fuq l-ipprezzar u l-applikazzjoni tas-suq, u b'hekk jaffettwaw l-analiżi tad-dumping u tad-dannu.

(54) Il-PTIA enfasizzat li l-inklużjoni ta' parametru strutturali/mhux strutturali fl-istruttura tal-PCN tkun meħtieġa biex jiġi żgurat tqabbil ġust u determinazzjoni preċiża tal-marġnijiet tad-dumping. Hija argumentat li l-investigazzjoni għandha tirrikonoxxi dawn id-differenzi biex tipprevjeni l-inklużjoni mhux ġustifikata ta' prodotti mhux rilevanti għall-allegat dumping jew dannu.

(55) Barra minn hekk, il-PTIA kienet tal-fehma li l-plywood tal-abjad u tal-arżnu ma għandhomx jitqiesu bħala prodotti simili, peress li dawn jirriżultaw minn speċijiet differenti ta' injam u għandhom applikazzjonijiet u swieq varjati. Din id-differenza hija sinifikanti biżżejjed biex tiġġustifika rievalwazzjoni tal-ambitu u potenzjalment teskludi ċerti prodotti li ma jikkompetux direttament mal-plywood prodott fl-UE.

(56) ABIMCI enfasizzat id-differenzi sinifikanti fil-komparabbiltà, l-interkambjabbiltà, u s-sostitwibbiltà bejn diversi tipi ta' plywood, bħal tal-arżnu meta mqabbel ma' tal-abjad u l-varjetajiet ta' prodotti miksija meta mqabbla ma' dawk mhux miksija. ABIMCI argumentat li dawn il-prodotti jservu segmenti distinti tas-suq u għandhom karatteristiċi tekniċi u fiżiċi uniċi, li jwasslu għal preferenzi differenzjati tal-konsumatur. Hija enfasizzat l-importanza ta' analiżi segmentata li tqis fatturi bħall-plywood tal-artab strutturali versus dak mhux strutturali, kif ukoll segmenti primjum meta mqabbla ma' dawk ta' kwalità aktar baxxa. ABIMCI argumentat għall-ħtieġa li titwettaq analiżi tad-dannu segmentata.

(57) Bi tweġiba, l-ilmentatur indika l-evidenza pprovduta fl-ilment, li turi li kemm l-ispeċijiet tal-abjad kif ukoll tal-arżnu huma parti mill-familja usa' tal-ispeċijiet tal-injam koniferu. Meta mqabbla ma' tipi oħra ta' injam, b'mod partikolari speċijiet b'weraq wiesa' u oħrajn tal-injam iebes, tal-abjad u tal-arżnu għandhom kulur aktar ċar, huma aktar faċli biex jinqatgħu, u għandhom struttura poruża simplifikata u kontenut għoli ta' reżina. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda differenza rilevanti bejn il-plywood tal-artab magħmul minn tal-abjad u tal-arżnu fir-rigward tal-proċess tal-produzzjoni, il-proċess tal-bejgħ u l-kanali tad-distribuzzjoni tagħhom fl-Unjoni, li kollha huma l-istess.

(58) Il-Kummissjoni sabet li anki f'tip wieħed ta' injam hemm kwalitajiet differenti peress li huwa materjal naturali. Dan huwa rifless fil-PCN. Madankollu, il-Kummissjoni sabet li kemm l-ispeċijiet tal-arżnu kif ukoll tal-abjad spiss jintużaw b'mod interkambjabbli. Il-fatt li ż-żewġ speċijiet ġejjin mill-familja usa' ta' injam koniferu, magħruf għall-kulur aktar ċar tiegħu, għall-kapaċità relattivament faċli ta' tħaddim, u għall-istruttura poruża simplifikata jwassal għal proprjetajiet fiżiċi, metodoloġiji ta' produzzjoni, u applikazzjonijiet tas-suq li huma simili. B'mod sinifikanti, il-kontenut tar-reżina kemm f'tal-abjad kif ukoll f'tal-arżnu huwa relattivament għoli, li jaffettwa d-durabbiltà u l-użu tagħhom f'applikazzjonijiet simili ta' prodotti.

(59) Il-konsumaturi jiddifferenzjaw primarjament bejn plywood tal-artab u dak tal-iebes.

(60) Barra minn hekk, għall-kuntrarju tal-allegazzjoni li l-produtturi tal-Unjoni jiffokaw prinċipalment fuq il-produzzjoni tal-plywood tal-artab miksi, b'kuntrast mal-importazzjonijiet Brażiljani li b'mod predominanti mhumiex miksija, l-analiżi komprensiva tal-Kummissjoni żvelat li l-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun jipproduċu b'mod predominanti prodotti tal-plywood tal-artab mhux miksi.

(61) Il-Kummissjoni nnotat ukoll li l-ilment kien fih eżempji speċifiċi ta' utent industrijali tal-Unjoni li jfittex sorsi ta' provvista ta' plywood tal-artab kemm tal-ispeċijiet tal-abjad kif ukoll tal-arżnu għall-istess użi finali; u l-produtturi tal-Unjoni li jfittxu sorsi ta' provvista taż-żewġ speċijiet tal-artab, spiss iħalltuhom u daqqa jużaw fuljetti tal-abjad u daqqa tal-arżnu fil-produzzjoni tagħhom ta' pannelli tal-plywood tal-artab.

(62) Għar-raġunijiet kollha msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni ddeterminat li irrispettivament minn jekk humiex magħmula minn speċijiet tal-arżnu jew tal-abjad, u irrispettivament minn jekk humiex miksija jew le, jew għal użi strutturali jew mhux strutturali, il-varjazzjonijiet kollha tal-injam tal-artab jitqiesu bħala prodotti simili, għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi bażiċi u jikkompetu fl-istess suq. Kollettivament jaqgħu taħt l-istess definizzjoni tal-prodott fl-ambitu tal-investigazzjoni attwali, li jiżgura analiżi koerenti u komprensiva konsistenti mal-oqfsa regolatorji stabbiliti u l-prattika preċedenti tal-Kummissjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni għal analiżi segmentata.

3. **DUMPING**

3.1. **Valur Normali**

(63) Il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-kwantità totali ta' bejgħ domestiku ta' kull produttur esportatur li kkoopera inkluż fil-kampjun kienx rappreżentattiv, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku.

(64) Il-bejgħ domestiku huwa rappreżentattiv jekk it-total tal-kwantità ta' bejgħ domestiku tal-prodott simili lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull produttur esportatur ikun irrappreżenta mill-inqas 5 % tat-total tal-kwantità tiegħu tal-bejgħ għall-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Abbażi ta' dan, il-bejgħ totali minn kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun tal-prodott simili fis-suq domestiku ma kienx rappreżentattiv.

(65) Sussegwentement, il-Kummissjoni identifikat it-tipi ta' prodotti mibjugħa fuq livell domestiku li kienu identiċi jew komparabbli għat-tipi ta' prodotti mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni għall-produtturi esportaturi b'bejgħ domestiku rappreżentattiv.

(66) Imbagħad, il-Kummissjoni eżaminat jekk il-bejgħ domestiku ta' kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun fis-suq domestiku tiegħu għal kull tip ta' prodott li huwa identiku jew komparabbli ma' tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni kienx rappreżentattiv, f'konformità mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku.

(67) Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott huwa rappreżentattiv jekk il-kwantità totali ta' bejgħ domestiku ta' dak it-tip ta' prodott lil klijenti indipendenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni jirrappreżenta mill-inqas 5 % tat-total tal-kwantità tal-bejgħ għall-esportazzjoni tat-tip ta' prodott identiku jew komparabbli lejn l-Unjoni.

(68) Mill-erba' kumpaniji investigati, waħda ma kellha l-ebda bejgħ domestiku. It-tliet kumpaniji l-oħra jew ma kellhom l-ebda tip ta' prodott rappreżentattiv, jew kellhom biss ftit tipi ta' prodotti li kienu rappreżentattivi.

(69) Imbagħad, il-Kummissjoni ddefiniet il-proporzjon tal-bejgħ profittabbli lil klijenti indipendenti fis-suq domestiku għal kull tip ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni sabiex tiddeċiedi jekk tużax il-bejgħ domestiku għall-kalkolu tal-valur normali, f'konformità mal-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.

(70) Il-valur normali huwa bbażat fuq il-prezz domestiku effettiv għal kull tip ta' prodott, irrispettivament minn jekk dak il-bejgħ huwiex profittabbli jew le, jekk:

(a) il-kwantità tal-bejgħ tat-tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett daqs jew ogħla mill-kost ikkalkolat tal-produzzjoni, kienet tirrappreżenta aktar minn 80 % tat-total tal-bejgħ ta' dan it-tip ta' prodott; kif ukoll

(b) il-prezz medju ponderat tal-bejgħ ta' dak it-tip ta' prodott ikun daqs jew ogħla mill-kost unitarju tal-produzzjoni.

(71) Jekk iż-żewġ testijiet jiġu ssodisfati, il-valur normali huwa l-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip ta' prodott matul il-PI.

(72) Il-valur normali huwa l-prezz domestiku reali għal kull tip ta' prodott tal-bejgħ domestiku bi profitt tat-tipi ta' prodotti biss matul il-perjodu ta' investigazzjoni, jekk:

(a) il-volum tal-bejgħ profittabbli tat-tip ta' prodott jirrappreżenta 80 % jew inqas mit-total tal-bejgħ ta' dan it-tip: jew

(b) il-prezz medju ponderat ta' dan it-tip ta' prodott ikun inqas mill-kost unitarju tal-produzzjoni.

(73) L-analiżi tat-tliet esportaturi b'bejgħ domestiku wriet li l-ebda tip ta' prodott ma ssodisfa t-testijiet tal-bejgħ fl-andament normali tal-kummerċ.

(74) Peress li ma kienx hemm bejgħ jew ma kienx hemm biżżejjed bejgħ ta' tip ta' prodott tal-prodott simili fl-andament normali tal-kummerċ jew fejn tip ta' prodott ma nbiegħx fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali f'konformità mal-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku.

(75) Il-valur normali nħadem billi żdied dan li ġej mal-kost medju tal-produzzjoni tal-prodott simili tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni:

(a) il-kostijiet tal-bejgħ medji ponderati, ġenerali u amministrattivi ("SG&A", selling, general and administrative) imġarrbin mill-produttur esportatur inkluż fil-kampjun fuq il-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fl-andament normali tal-kummerċ, matul l-IP; kif ukoll

(b) il-profitt medju ponderat li jsir mill-produtturi esportaturi li kkooperaw inklużi fil-kampjun fuq il-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fl-andament normali tal-kummerċ, matul il-PI.

(76) Għat-tipi ta' prodotti mhux mibjugħa fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, żdiedu l-kostijiet SG&A medji u l-profitt tat-tranżazzjonijiet magħmula fl-andament normali tal-kummerċ fis-suq domestiku għal dawk it-tipi.

(77) Għat-tipi ta' prodotti mhux mibjugħa fis-suq domestiku, żdiedu l-kostijiet SG&A medji ponderati u l-profitt tat-tranżazzjonijiet kollha magħmula fl-andament normali tal-kummerċ fis-suq domestiku.

(78) Għall-produttur esportatur inkluż fil-kampjun mingħajr bejgħ domestiku, il-kostijiet u l-profitt SG&A kienu bbażati fuq il-medja ponderata tal-ammonti ddeterminati għat-tliet produtturi esportaturi l-oħra inklużi fil-kampjun soġġetti għal investigazzjoni fir-rigward tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott simili fis-suq domestiku, f'konformità mal-Artikolu 2(6)(a) tar-Regolament bażiku.

3.2. **Prezz tal-esportazzjoni**

(79) Il-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun esportaw lejn l-Unjoni jew direttament lil klijenti indipendenti inkella permezz ta' kumpaniji kummerċjali relatati li jinsabu fil-Brażil.

(80) Il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz effettivament imħallas jew li għandu jitħallas għall-prodott ikkonċernat meta mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

3.3. **Tqabbil**

(81) L-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku jirrikjedi li l-Kummissjoni tagħmel paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni fl-istess livell ta' kummerċ u tagħmel konċessjonijiet għad-differenzi fil-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet.

(82) F'dan il-każ, il-Kummissjoni għażlet li tqabbel il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fil-livell tal-kummerċ mill-fabbrika. Kif spjegat aktar hawn taħt, fejn xieraq, il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni ġew aġġustati sabiex (i) jiġu nnettjati lura għal-livell mill-fabbrika; u (ii) jagħmlu konċessjonijiet għal differenzi fil-fatturi li ġew affermati, u murija, li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet.

3.3.1. *Aġġustamenti magħmula fil-valur normali*

(83) Il-Kummissjoni ma sabet raġuni biex tagħmel l-ebda konċessjoni għall-valur normali, u lanqas ma ġew affermati tali konċessjonijiet minn xi produttur esportatur inkluż fil-kampjun, peress li l-valur normali nħadem bl-użu tal-kost tal-manifattura flimkien mal-kostijiet SG&A u l-profitt.

3.3.2. *Aġġustamenti magħmula fil-prezz tal-esportazzjoni*

(84) Sabiex il-prezz tal-esportazzjoni jiġi lura nett għal-livell tal-kummerċ mill-fabbrika, saru aġġustamenti minħabba d-dazju doganali, imposti oħra fuq l-importazzjoni, trasport, assigurazzjoni, immaniġġjar tat-tagħbija u spejjeż anċillari.

(85) Saru konċessjonijiet għall-fatturi li ġejjin li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet: il-kost tal-kreditu, l-imposti bankarji u l-kummissjonijiet.

(86) Għall-produttur esportatur Nereu, fejn il-bejgħ sar permezz ta' kumpanija kummerċjali relatata fil-Brażil, il-Kummissjoni sabet li n-negozjant relatat wettaq funzjonijiet simili għal dawk ta' aġent li jaħdem fuq il-bażi ta' kummissjoni. In-negozjant kien qed jopera b'mod parallel mad-dipartiment tal-bejgħ ta' Nereu u kien qed jirċievi markup għall-funzjoni tiegħu. In-negozjant kien qed jikkummerċjalizza wkoll prodotti oħra apparti l-prodott ikkonċernat.

(87) Aġġustament ibbażat fuq il-kostijiet SG&A rilevanti u profitt kien għalhekk iġġustifikat skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku għall-bejgħ permezz tan-negozjant Brażiljan relatat. Tnaqqsu l-kostijiet SG&A tal-kumpanija relatata u profitt ta' 1 %, li nkisbu mingħand importatur wieħed li kkoopera mhux relatat.

3.4. **Marġnijiet tad-dumping**

(88) Għall-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip ta' prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, f'konformità mal-Artikoli 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(89) Abbażi ta' dan, il-marġnijiet tad-dumping medji ponderati proviżorji espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, u wara l-bidliet deskritti fil-premessi 224–227, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping proviżorju (%)
Indústria de Compensados Sudati Ltda Conply Indústria de Compensados Ltda Indústria de Compensados Guararapes Ltda	5,4
Nereu Rodrigues & Cia Ltda	0

(90) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw li mhumiex inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni kkalkolat il-marġni tad-dumping medju ponderat, f'konformità mal-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku. Minħabba li l-prezz medju tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi l-oħrajn li kkooperaw li mhumiex inklużi fil-kampjun, kif irrapportat fit-tweġibiet għall-kampjunar, kien taħt il-prezz tal-esportazzjoni tal-produttur esportatur inkluż fil-kampjun b'marġni ta' dumping żero, il-marġni tad-dumping għall-produtturi esportaturi li kkooperaw li mhumiex inklużi fil-kampjun ġie stabbilit fuq il-bażi tal-marġnijiet tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun, mingħajr ma tqiesu l-marġnijiet tal-produtturi esportaturi b'marġnijiet ta' dumping żero u *de minimis*, kif ukoll il-marġnijiet stabbiliti fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(91) Abbażi ta' dan, il-marġni tad-dumping proviżorju tal-produtturi esportaturi li kkooperaw li mhumiex inklużi fil-kampjun huwa ta' 5,4 %.

(92) Għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fil-Brażil, il-Kummissjoni stabbiliet il-marġni tad-dumping fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi. Il-livell ta' kooperazzjoni huwa l-volum tal-esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw lejn l-Unjoni espress bħala proporzjon tal-importazzjonijiet totali mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni, li ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-Eurostat.

(93) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ huwa għoli minħabba li l-esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw kienu jikkostitwixxu madwar 100 % tal-importazzjonijiet totali matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ddeċidiet li tistabbilixxi l-marġni tad-dumping għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx fil-livell tal-kumpanija li kkooperat inkluża fil-kampjun, eżaminata fuq bażi individwali bl-ogħla marġini tad-dumping.

(94) Il-marġnijiet tad-dumping proviżorji, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping proviżorju
Indústria de Compensados Sudati Ltda Conply Indústria de Compensados Ltda Indústria de Compensados Guararapes Ltda	5,4 %
Nereu Rodrigues & Cia Ltda	0 %
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw li mhumiex inklużi fil-kampjun	5,4 %
L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mill-Brażil	5,4 %

4. DANNU

4.1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

(95) Il-prodott simili kien manifatturat minn 13-il produttur fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dawn jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(96) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni kienet stabbilita fil-livell ta' madwar 675 726 m^3. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-industrija tal-Unjoni, bħad-data pprovduta mill-ilmentatur u l-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Kif indikat fil-premessa 33, tliet produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw 55 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

4.2. Konsum tal-Unjoni

(97) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni fuq il-bażi tal-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kollha tal-prodott ikkonċernat. Is-sors tal-informazzjoni kien it-tweġiba għall-kwestjonarju makro mill-ilmentatur u d-data uffiċjali mill-Eurostat.

(98) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 1

Konsum tal-Unjoni

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Konsum totali tal-Unjoni (m^3)	1 709 127	1 830 144	1 375 376	1 584 193
Indiċi	*100*	*107*	*80*	*93*

Sors: tweġiba għall-kwestjonarju makro mill-ilmentatur u l-Eurostat

(99) Il-konsum tal-Unjoni ra żieda inizjali ta' 7 % fl-2022 segwita minn tnaqqis sostanzjali ta' 20 % fl-2023. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, għalkemm il-konsum reġa' żdied mil-livell baxx tiegħu tal-2023, ma reġax lura għal-livelli tal-2021.

4.3. **Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

4.3.1. *Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(100) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tal-Eurostat. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit fuq il-bażi tal-volum tal-importazzjoni u l-konsum totali tal-Unjoni.

(101) Il-Kummissjoni sabet data distorta fl-istatistika rapportata fil-livell tal-unità supplimentari (m^3 f'dan il-każ). Għalhekk, għall-finijiet ta' tqabbil, il-Kummissjoni ddeċidiet li tikkonverti l-piż irrapportat (tunnellati), sett ta' data aktar affidabbli u stabbli, f'm^3. Il-konverżjoni kienet ibbażata fuq id-densità tal-pannelli, ikkalkulata abbażi tal-piż diviż bl-unità supplimentari. Għall-Brażil, il-piż irrapportat f'tunnellati ġie kkonvertit f'm^3 bl-użu tad-densità medja rapportata mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun; għall-pajjiżi l-oħra, intużat id-densità medja standard tal-industrija.

(102) Kif deskritt fil-premessa 89, instab dumping għal wieħed biss mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun. Għalhekk, fl-analiżi tagħha, il-Kummissjoni ddistingwiet bejn l-importazzjonijiet Brażiljani oġġett ta' dumping u dawk mhux oġġett ta' dumping. L-impatt tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni huwa indirizzat hawn taħt, filwaqt li l-effett tal-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping huwa eżaminat taħt aspetti ta' kawżalità fil-premessi 156 u 158. L-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping huma ppreżentati u analizzati fit-Tabella 11 hawn taħt.

(103) Il-volum tal-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping minn Nereu ammonta għal [5–10] % tal-importazzjonijiet totali mill-Brażil fil-perjodu ta' investigazzjoni. Sabiex jiġi stabbilit jekk is-sejbiet fir-rigward ta' din il-kumpanija setgħux jiġu estiżi għall-importazzjonijiet kollha mhux inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni qabblet il-prezzijiet ta' Nereu mal-prezzijiet mill-produtturi esportaturi li kkooperaw li mhumiex inklużi fil-kampjun. Abbażi tal-informazzjoni ppreżentata fil-formoli tal-kampjunar u fit-tweġiba għall-kwestjonarju, il-prezz medju tal-esportazzjoni ta' Nereu kien [5–10] % ogħla mill-prezz medju tal-esportazzjoni tal-esportaturi Brażiljani mhux inklużi fil-kampjun li ppreżentaw tweġibiet għall-kampjunar. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li ma setgħetx testendi s-sejbiet ta' nuqqas ta' dumping rigward Nereu għall-produtturi esportaturi mhux inklużi fil-kampjun.

(104) L-importazzjonijiet oġġett ta' dumping lejn l-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej:

Tabella 2

Kwantità tal-importazzjoni oġġett ta' dumping u sehem mis-suq

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Kwantità ta' importazzjonijiet mill-Brażil (m³)	[500 000 – 600 000]	[650 000 – 800 000]	[550 000 – 700 000]	[650 000 – 800 000]
Indiċi	*100*	*132*	*118*	*130*
Sehem mis-suq %	[30 – 35]	[35 – 40]	[45 – 50]	[45 – 50]

Sors: L-Eurostat

(105) Id-data turi xejra 'l fuq notevoli kemm fil-kwantità tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Brażil kif ukoll fis-sehem mis-suq korrispondenti tagħhom matul il-perjodu mill-2021 sal-perjodu ta' investigazzjoni. Fl-2021, l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Brażil kienu ta' [500 000 – 600 000] m³ b'sehem mis-suq ta' [30 – 35] %. Sal-2022, il-kwantità tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping żdiedet għal [650 000 – 800 000] m³, li mmarka żieda impressjonanti ta' 32 % mis-sena preċedenti; rifless f'sehem mis-suq ogħla ta' [35 – 40] %. Għalkemm il-kwantità ta' importazzjonijiet Brażiljani oġġett ta' dumping naqset b'14 % fl-2023, jiġifieri sena fejn il-konsum tal-Unjoni naqas b'mod sinifikanti, is-sehem mis-suq Brażiljan kompla jiżdied b'mod sinifikanti għal [45 – 50] %. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping laħqu l-quċċata tagħhom, b'żieda ta' 30 % mill-2021, filwaqt li s-sehem mis-suq naqas kemxejn, b'żewġ punti perċentwali.

4.4. Prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat u t-twaqqigħ tal-prezz

(106) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq il-bażi ta' data tal-Eurostat. It-twaqqigħ tal-prezz tal-importazzjonijiet ġie stabbilit fuq il-bażi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju pprovduti mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun u mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(107) Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fl-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppa kif ġej:

Tabella 3

Prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/m³)

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Il-Brażil	339	443	311	302
Indiċi	*100*	*131*	*92*	*89*

Sors: L-Eurostat

(108) Id-data dwar il-prezzijiet tal-importazzjoni oġġett ta' dumping mill-Brażil tirrifletti xejra li tvarja fil-perjodu mill-2021 u tul il-perjodu ta' investigazzjoni. Fl-2022 kien hemm żieda sinifikanti, bil-prezzijiet jogħlew għal EUR 443/m³, li jindikaw żieda f'daqqa ta' 31 %. Madankollu, dan kien segwit minn tnaqqis sostanzjali fl-2023, bil-prezzijiet jaqgħu għal EUR 311/m³, jiġifieri tnaqqis ta' 39 % meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Bit-tkomplija ta' din ix-xejra ta' tnaqqis, il-prezzijiet komplew jonqsu għal EUR 302/m³ matul il-perjodu ta' investigazzjoni, li jindika tnaqqis ġenerali ta' 11 % mil-livelli tal-2021.

(109) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni billi qabblet:

(1) il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ għal kull tip ta' prodott tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun mitluba mingħand klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika; kif ukoll

(2) il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti għal kull tip ta' prodott tal-importazzjonijiet mill-produtturi Brażiljani li kkooperaw inklużi fil-kampjun lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi ta' Kost, assigurazzjoni u nol (CIF, Cost, insurance, freight), b'aġġustamenti xierqa tad-dazji doganali u l-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.

(110) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip b'tip għat-tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, bl-aġġustament dovut meta neċessarju, u wara tnaqqis tar-ribassi u tal-iskontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil kien espress bħala perċentwal tal-fatturat teoretiku tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan wera marġni medju ponderat tat-twaqqigħ tal-prezz ta' 31,8 % permezz tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat fis-suq tal-Unjoni.

4.5. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.5.1. *Kummenti ġenerali*

(111) F'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami tal-impatt tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li għandhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(112) Kif imsemmi fil-premessa 33, intuża l-kampjunar għad-determinazzjoni tad-dannu possibbli mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(113) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi fuq il-bażi tad-data vverifikata li tinsab fit-tweġiba għall-kwestjonarju makro ppreżentat mill-ilmentatur. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi fuq il-bażi tad-data li tinsab fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta' data nstabu li jirrappreżentaw is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(114) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum ta' bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping, u l-irkupru minn dumping tal-passat.

(115) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji tal-bejgħ, il-kost unitarju, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

4.5.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.5.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(116) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 4

Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Kwantità tal-produzzjoni (m^3)	888 286	851 718	607 714	675 726
Indiċi	*100*	*96*	*68*	*76*

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Kapaċità tal-produzzjoni (m^3)	1 106 000	1 110 000	1 113 000	1 113 000
Indiċi	*100*	*100*	*101*	*101*
Użu tal-kapaċità (%)	80	77	55	61
Indiċi	*100*	*96*	*68*	*76*

Sors: tweġiba vverifikata għall-kwestjonarju makro mill-ilmentatur

(117) Il-kwantitajiet tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni wrew xejra ta' tnaqqis matul il-perjodu kkunsidrat, b'varjazzjonijiet żgħar. Fl-2021, il-kwantità tal-produzzjoni kienet ta' 888 286 m^3. Fl-2022, il-produzzjoni kienet naqset b'4 % għal 851 718 m^3. It-tnaqqis kompla fl-2023, meta l-produzzjoni kompliet tonqos b'28 % għal 607 714 m^3 meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, kien hemm irkupru żgħir, bil-produzzjoni tiżdied għal 675 726 m^3. Għall-perjodu kkunsidrat kollu kien hemm tnaqqis kumplessiv ta' 24 %.

(118) Il-kapaċità tal-produzzjoni baqgħet stabbli b'żieda kumplessiva ta' 1 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(119) L-użu tal-kapaċità rrifletta l-bidliet fix-xejriet tal-kwantitajiet tal-produzzjoni. Fl-2022, l-użu tal-kapaċità naqas marġinalment b'4 % meta mqabbel mal-2021. L-aktar tnaqqis sostanzjali seħħ fl-2023, bl-użu jonqos b'28 % meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, kien hemm irkupru moderat ta' 8 % fl-użu. B'mod ġenerali, it-tnaqqis fl-użu tal-kapaċità fil-perjodu kkunsidrat laħaq 24 %.

4.5.2.2. Kwantità tal-bejgħ u sehem mis-suq

(120) Il-kwantità tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 5

Kwantità tal-bejgħ u sehem mis-suq

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Kwantità totali tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (m^3)	756 724	648 176	503 231	572 942
Indiċi	*100*	*86*	*67*	*76*
Sehem mis-suq (%)	44	35	37	36

Sors: tweġiba vverifikata għall-kwestjonarju makro mill-ilmentatur

(121) Ix-xejriet fil-kwantità totali tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni juru tnaqqis ġenerali mill-2021 tul il-perjodu ta' investigazzjoni, b'xi varjazzjonijiet. Fl-2021, il-kwantità tal-bejgħ kienet ta' 756 724 m^3. Sal-2022, il-bejgħ kien naqas għal 648 176 m^3, u x-xejra ta' tnaqqis kompliet fl-2023, meta l-bejgħ kompla jonqos għal 503 231 m^3, li jirrappreżenta tnaqqis ta' 19 % mis-sena preċedenti. Madankollu, matul il-perjodu ta' investigazzjoni, kien hemm irkupru modest, bil-bejgħ jiżdied b'9 % għal 572 942 m^3.

(122) F'termini ta' sehem mis-suq, il-produtturi tal-Unjoni fl-2021 kellhom 44 %. Dan is-sehem naqas għal 35 % fl-2022, li jirrifletti tnaqqis notevoli fil-preżenza tagħhom fis-suq. Għalkemm is-suq kumplessiv kien qed jiċkien, minħabba l-iżvilupp tal-attività tal-bini, fl-2023 kien hemm irkupru żgħir tas-sehem mis-suq, li żdied għal 37 %. Madankollu, matul il-perjodu ta' investigazzjoni, is-sehem mis-suq reġa' esperjenza tnaqqis żgħir, u naqas ftit għal 36 %.

4.5.2.3. Tkabbir

(123) F'kuntest ta' tnaqqis fil-konsum, l-industrija tal-Unjoni mhux biss tilfet il-volumi ta' bejgħ fl-Unjoni iżda wkoll is-sehem mis-suq, għall-kuntrarju tal-importazzjonijiet Brażiljani, li kisbu volum ta' bejgħ u sehem mis-suq assoluti fl-Unjoni. Bħala tali, matul il-perjodu kkunsidrat, l-industrija tal-Unjoni ma esperjenzat l-ebda tkabbir.

4.5.2.4. Impjiegi u produttività

(124) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 6

Impjiegi u produttività

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Għadd ta' impjegati	1 866	1 807	1 570	1 582
Indiċi	*100*	*97*	*84*	*85*
Produttività (m^3/FTE)	476	471	387	427
Indiċi	*100*	*99*	*81*	*90*

Sors: tweġiba vverifikata għall-kwestjonarju makro mill-ilmentatur

(125) Bejn l-2021 u l-perjodu ta' investigazzjoni, kien hemm xejra notevoli ta' tnaqqis fl-impjiegi fost il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. L-għadd ta' impjegati naqas minn 1 866 fl-2021 għal 1 582 matul il-perjodu ta' investigazzjoni, li jirrifletti tnaqqis ta' kważi 15 %. Din ix-xejra tissuġġerixxi b'mod ċar li s-settur iffaċċja sfidi li kienu jeħtieġu tnaqqis fil-forza tax-xogħol.

(126) Flimkien mat-tnaqqis fl-impjiegi, il-produttività, kif imkejla b'm^3 għal kull ekwivalenti full-time, varjat ukoll matul il-perjodu mill-2021 sal-perjodu ta' investigazzjoni. Fl-2022, il-produttività baqgħet relattivament stabbli, u biss naqset kemxejn b'1 %. Madankollu, kien hemm tnaqqis aktar sinifikanti sal-2023, bil-produttività tonqos b'18 %. Din ix-xejra reġgħet żdiedet xi ftit matul il-perjodu ta' investigazzjoni, peress li l-produttività żdiedet b'9 %. B'mod ġenerali, matul il-perjodu kkunsidrat, il-produttività tal-industrija tal-Unjoni naqset b'10 %.

4.5.2.5. Daqs tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping tal-passat

(127) Il-marġnijiet tad-dumping kollha kienu ferm ogħla mil-livell *de minimis*. L-impatt tad-daqs tal-marġnijiet reali tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni ma kienx negliġibbli, minħabba l-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat.

(128) Din hija l-ewwel investigazzjoni anti-dumping rigward il-prodott ikkonċernat. Għalhekk, ma kienx hemm data disponibbli biex jiġu vvalutati l-effetti ta' dumping possibbli tal-passat possibbli.

4.5.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.5.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(129) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 7

Prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni fis-suq totali (EUR/m³)	449	622	575	508
Indiċi	*100*	*139*	*128*	*113*
Kost unitarju tal-produzzjoni (EUR/m³)	419	511	571	556
Indiċi	*100*	*122*	*136*	*133*

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(130) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni wrew varjazzjonijiet notevoli matul il-perjodu kkunsidrat. Fl-2021, il-prezz medju tal-bejgħ kien ta' EUR 449/m³. Fl-2022, kien hemm żieda konsiderevoli ta' 39 % fil-prezzijiet li saru EUR 622/m³. Madankollu, fl-2023, il-prezz medju tal-bejgħ naqas bi 11 % mis-sena ta' qabel, għal EUR 575/m³. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-prezzijiet komplew jonqsu għal EUR 508/m³.

(131) Il-kost unitarju tal-produzzjoni għall-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun esperjenza wkoll bidliet matul il-perjodu, li jirriflettu mill-qrib ix-xejriet fil-prezzijiet tal-bejgħ. Fl-2021, il-kost unitarju kien ta' EUR 419/m³. Fl-2022, il-kost unitarju kien żdied bi 22 % għal EUR 511/m³. Minkejja ż-żieda fil-kostijiet, l-industrija tal-Unjoni kienet ġeneralment kapaċi tikkumpensa għal dawn il-kostijiet billi għolliet il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha. Fl-2023, il-kostijiet unitarji komplew jiżdiedu għal EUR 571/m³, li jindikaw żieda ta' 14 % meta mqabbla mas-sena preċedenti. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-kostijiet naqsu bi ftit għal EUR 556/m³. Fl-2023 u fil-perjodu ta' investigazzjoni, l-industrija tal-Unjoni ma kinitx għadha kapaċi tkopri ż-żieda fil-kostijiet billi tgħolli l-prezzijiet tal-bejgħ tagħha u kellha tnaqqas il-prezzijiet. Iż-żieda kumplessiva għall-perjodu kkunsidrat kienet ta' 33 %.

4.5.3.2. Kostijiet lavorattivi

(132) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 8

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	41 757	44 521	45 724	49 079
Indiċi	*100*	*107*	*110*	*118*

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(133) Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat għall-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun urew xejra 'l fuq konsistenti matul il-perjodu kkunsidrat. Fl-2021, il-kost lavorattiv medju għal kull impjegat kien ta' EUR 41 757. Sal-2022, dawn il-kostijiet żdiedu għal EUR 44 521, li jirrifletti żieda ta' 7 % meta mqabbel mas-sena preċedenti. It-trajettorja 'l fuq kompliet fl-2023, bil-kostijiet jogħlew għal EUR 45 724. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, il-kostijiet lavorattivi komplew jogħlew għal EUR 49 079, li jindika żieda ġenerali ta' 18 % mill-2021.

4.5.3.3. Inventarji

(134) Il-livelli tal-istokks tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 9

Stokks

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Stokk tal-għeluq (m^3)	45 684	84 878	68 699	62 180
Indiċi	*100*	*186*	*150*	*136*
Stokk tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni (%)	10	18	21	16

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(135) Ix-xejriet fil-livelli tal-istokk tal-għeluq juru żieda sinifikanti segwita minn tnaqqis gradwali matul il-perjodu kkunsidrat. Fl-2021, l-istokk tal-għeluq kien ta' 45 684 m^3. Sal-2022, il-livell tal-istokk kien żdied b'mod drammatiku għal 84 878 m^3, jiġifieri żieda ta' 86 %. Fl-2023, il-livelli tal-istokk naqsu għal 68 699 m^3, li jirrifletti tnaqqis gradwali mis-sena ta' qabel iżda xorta waħda ferm ogħla mil-livelli tal-2021. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, l-istokkijiet komplew jonqsu, hekk kif l-industrija tal-Unjoni kienet kapaċi żżid il-bejgħ fil-perjodu ta' investigazzjoni, u laħqu t-62 180 m^3; indikazzjoni ta' żieda kumplessiva ta' 36 % matul il-perjodu kkunsidrat.

4.5.3.4. Profittabilità, fluss tal-flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(136) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 10

Profittabbiltà, fluss tal-flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	15	25	9	2
Fluss tal-flus (EUR)	46 114 328	56 315 204	35 911 903	19 351 190
Indiċi	*100*	*122*	*78*	*42*

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Investimenti (EUR)	5 432 018	3 301 570	9 092 561	4 787 861
Indiċi	*100*	*61*	*167*	*88*
Redditu fuq l-investimenti (%)	54	111	37	13
Indiċi	*100*	*205*	*68*	*24*

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(137) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Il-profittabbiltà tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni għaddiet minn varjazzjonijiet matul il-perjodu kkunsidrat. Minn 15 % tal-fatturat tal-bejgħ fl-2021, il-profittabbiltà żdiedet drastikament għal 25 % fl-2022, li jindika prestazzjoni robusta matul dik is-sena. Madankollu, dan il-massimu ma kienx sostnut, peress li l-profittabbiltà naqset b'mod drammatiku għal 9 % fl-2023 u kompliet tonqos għal biss 2 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni, li jissuġġerixxi sfidi fiż-żamma tal-marġnijiet ta' profitt.

(138) Il-fluss tal-flus nett huwa l-abbiltà tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom huma stess. Ix-xejra tal-fluss tal-flus matul il-perjodu kkunsidrat uriet tnaqqis wara żieda inizjali fl-2022. Fl-2021, il-fluss tal-flus kien ta' EUR 46 114 328. Din iċ-ċifra tjiebet għal EUR 56 315 204 fl-2022, li mmarkat żieda ta' 22 %. Fl-2023, il-fluss tal-flus naqas b'mod drammatiku bi tnaqqis ta' 44 % għal EUR 35 911 903. Ix-xejra ta' tnaqqis kompliet matul il-perjodu ta' investigazzjoni, bil-fluss tal-flus jonqos għal EUR 19 351 190. It-tnaqqis kumplessiv tal-fluss tal-flus matul il-perjodu kkunsidrat laħaq it-58 %, li jindika deterjorament tal-likwidità finanzjarja.

(139) Il-livelli ta' investiment urew varjabbiltà konsiderevoli matul il-perjodu. Fl-2021, l-investimenti ammontaw għal EUR 5 432 018. Dawn naqsu drastikament fl-2022 għal EUR 3 301 570, li jindika tnaqqis ta' 39 %. Min-naħa l-oħra, l-2023 rat żieda sinifikanti fl-investimenti għal EUR 9 092 561, jiġifieri żieda ta' 106 % meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Madankollu, matul il-perjodu ta' investigazzjoni, l-investimenti naqsu għal EUR 4 787 861, li mmarkaw tnaqqis kumplessiv ta' 12 % matul il-perjodu kkunsidrat u li jirrifletti approċċ ta' investiment aktar kawt.

(140) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Dan segwa xejra ta' tnaqqis wara żieda inizjali. Dan beda b'54 % fl-2021, u tela' għal 111 % fl-2022, li jissuġġerixxi effiċjenza eċċezzjonali fil-ġenerazzjoni ta' redditi matul dik is-sena. Madankollu, fl-2023, ir-redditu fuq l-investimenti naqas sostanzjalment għal 37 %. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, ir-redditu kompla jonqos għal 13 %, bl-indiċi ta' 24, li jindika tnaqqis fir-redditi fuq l-investimenti li saru u li jirrifletti l-isfidi ffaċċjati mill-produtturi tal-Unjoni matul dan il-perjodu.

(141) Minħabba t-tnaqqis sinifikanti fil-profittabbiltà, fil-fluss tal-flus nett u fir-redditu fuq l-investiment, ġiet affettwata b'mod serju l-kapaċità li jiġġeneraw il-kapital tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

4.6. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(142) L-indikaturi ewlenin kollha tad-dannu wrew xejra negattiva matul il-perjodu kkunsidrat. Il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqas b'24 % u l-volum ta' bejgħ tagħha naqas bi 24 %. L-industrija tal-Unjoni tilfet ukoll sehem mis-suq, li naqas minn 44 % fl-2021 għal 36 % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Għall-kuntrarju, il-kwantità ta' importazzjonijiet Brażiljani oġġett ta' dumping lejn l-Unjoni matul l-istess perjodu żdiedet b'30 %; u s-sehem mis-suq tagħhom żdied minn [30 – 35] % fl-2021 għal [45 – 50] % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Dan inkiseb minkejja t-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni bi 7 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(143) Il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni naqset b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat, u naqset minn madwar 15 % fl-2021 għal 2 % fil-PI, li turi xejra mhux sostenibbli u l-eżistenza ta' soppressjoni tal-prezzijiet. Ġiet osservata xejra simili ta' tnaqqis fil-produttività tal-industrija tal-Unjoni (naqset b'10 %), l-impjiegi tagħha (naqsu bi 15 %), l-investimenti (naqsu bi 12 %), ir-redditu fuq l-investiment u l-fluss tal-flus, li kollha naqsu matul il-perjodu kkunsidrat.

(144) L-industrija tal-Unjoni ma kinitx kapaċi tikkumpensa għall-volumi ta' bejgħ mitlufa fis-suq tal-Unjoni permezz ta' żieda fl-esportazzjonijiet, peress li l-esportazzjonijiet kienu jammontaw biss għal madwar 15 % tal-produzzjoni totali tal-industrija u kienu qed jonqsu b'mod gradwali, kif stabbilit fit-Taqsima 5.4 hawn taħt.

(145) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, f'dan l-istadju, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni sofriet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

5. KAWŻALITÀ

(146) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufin oħra setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kwalunkwe dannu possibbli kkawżat minn fatturi għajr l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ma kienx attribwit għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi huma: l-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-Brażil, l-importazzjonijiet minn pajjiżi oħra għajr il-Brażil, il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, it-tnaqqis fil-konsum u ż-żieda fil-kost.

(147) Il-PTIA u ABIMCI sostnew li l-analiżi fl-ilment naqset milli tistabbilixxi rabta kawżali ċara bejn l-importazzjonijiet Brażiljani u l-allegat dannu.

(148) B'mod partikolari, ABIMCI argumentat li ma kien hemm l-ebda żieda fl-importazzjonijiet Brażiljani f'volumi assoluti. Hija enfasizzat li d-dikjarazzjoni tal-ilmentatur ta' żidiet relattivi hija bbażata fuq premessa żbaljata ta' tnaqqis fil-konsum matul il-perjodu ta' investigazzjoni tagħhom, u dan jagħmilha inaffidabbli. Barra minn hekk, ABIMCI sostniet li peress li l-prodotti importati Brażiljani tal-plywood tal-artab ma jikkompetux fl-istess segmenti tas-suq mal-prodotti tal-plywood tal-artab tal-Unjoni, il-produtturi tal-Unjoni ma setgħu soffrew l-ebda dannu minħabba l-importazzjonijiet Brażiljani. ABIMCI kienet tal-fehma wkoll li t-tnaqqis fil-volumi u l-prezzijiet tal-importazzjoni mill-Brażil jenħtieġ li jiġi interpretat sempliċiment bħala ritorn għal-livelli ta' qabel il-pandemija. Huma argumentaw li l-industrija tal-Unjoni qatt ma sostniet li ġarrbet dannu qabel l-2022, u l-prezzijiet tal-importazzjoni ta' wara l-pandemija mill-Brażil kienu ogħla mil-livelli ta' qabel il-pandemija. Fl-aħħar nett, ABIMCI semmiet diversi fatturi kawżali potenzjali oħra għal kwalunkwe dannu li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni. Dawn jinkludu żieda fil-kostijiet minħabba żieda fir-rati tal-imgħax, tat-trasport u tal-kambju, kif ukoll l-impatt tal-gwerra Russa kontra l-Ukrajna, il-kostijiet tal-konformità regolatorja, u l-kompetizzjoni minn prodotti tal-injam oħra.

(149) Il-PTIA argumentat li l-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żdied b'mod sinifikanti aktar mill-volum tal-importazzjonijiet mill-Brażil. Hija targumenta li dawn l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi jenħtieġ li jitqiesu fl-analiżi tal-kawżalità, peress li anki dawn l-importazzjonijiet jeżerċitaw pressjoni fuq il-prezzijiet tas-suq u jaffettwaw il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Il-PTIA argumentat ukoll li l-użu ta' perjodi atipiċi bħall-irkupru ta' wara l-pandemija fl-2021 għad-determinazzjoni tad-dannu jonfoħ b'mod mhux preċiż il-feġġ ta' dannu.

(150) Dawn l-argumenti huma indirizzati hawn taħt.

5.1. Effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping

(151) Il-Kummissjoni eżaminat jekk kienx hemm rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Matul il-perjodu kkunsidrat, l-importazzjonijiet tal-prodott oġġett ta' dumping mill-Brażil żdiedu bi 30 %, anki jekk il-konsum tal-Unjoni naqas b'7 %. Din is-sejba tirrifjuta l-allegazzjoni magħmula minn ABIMCI li l-importazzjonijiet Brażiljani ma żdidux f'volumi assoluti.

(152) Barra minn hekk, it-tnaqqis fil-prezz ta' 11 % tal-importazzjonijiet Brażiljani, flimkien ma' żieda ta' 33 % fil-kostijiet tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni matul l-istess żmien, ippermettew li l-importazzjonijiet Brażiljani jirħbu 13 % addizzjonali mis-sehem tas-suq. Din il-bidla saret għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni, li esperjenzat tnaqqis notevoli ta' 24 % fil-volum ta' bejgħ u tnaqqis ta' 8 punti perċentwali mis-sehem tas-suq tagħha. Konsegwentement, il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni naqset għal livelli insostenibbli, u kienet qed topera bi profitt ta' 2 % biss matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

(153) Il-fatt li kien hemm diskrepanza tant sinifikanti bejn il-prezz medju tal-prodott importat oġġett ta' dumping mill-Brażil u l-prezz medju tal-prodott simili tal-industrija tal-Unjoni (EUR 302/m³ meta mqabbel ma' EUR 508/m³) ipprevjena lill-industrija tal-Unjoni milli żżid il-prezzijiet tagħha biex tirrifletti ż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni u, b'hekk, issostni l-profittabbiltà tagħha.

(154) Għalhekk, ġie konkluż b'mod proviżorju li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-plywood tal-artab mill-Brażil ikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni f'termini ta' prezz u volum.

5.2. **Effetti ta' fatturi oħrajn**

(155) Il-Kummissjoni eżaminat jekk fatturi ta' dannu għajr l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Brażil kellhomx impatt fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni.

5.2.1. *Importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-Brażil*

(156) Il-volum tal-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-Brażil żviluppa matul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

Tabella 11

Importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-Brażil

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Kwantità (m³)	[12 000 – 16 000]	[20 000 – 24 000]	[20 000 – 24 000]	[45 000 – 55 000]
Indiċi	*100*	*154*	*157*	*371*
Sehem mis-suq (%)	[0-2]	[0-2]	[0-2]	[1-3]
Prezz medju (EUR/m³)	[250 – 300]	[250 – 300]	[230 – 280]	[280 – 320]
Indiċi	*100*	*100*	*85*	*101*

Sors: Tweġiba vverifikata għall-kwestjonarju tal-produttur esportatur

(157) Il-volum tal-importazzjoni u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Brażiljani mhux oġġett ta' dumping kienu bbażati fuq it-tweġiba vverifikata għall-kwestjonarju mill-produttur esportatur inkluż fil-kampjun li għalih ma nstab l-ebda dumping.

(158) Il-kwantità ta' importazzjonijiet Brażiljani mhux oġġett ta' dumping żdiedet b'mod kostanti matul il-perjodu kkunsidrat, u laħqet [45 000 – 55 000] m³ fil-perjodu ta' investigazzjoni. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-Brażil żdied minn [0-2] % fl-2021 għal [1-3] % fil-perjodu ta' investigazzjoni. Madankollu, il-livelli tal-importazzjoni u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping baqgħu fil-biċċa l-kbira taħt il-volum tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Brażil matul il-perjodu kkunsidrat. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li dawn ma naqqsux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Brażiljani oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.2.2. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(159) Il-kwantità tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppa matul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

Tabella 12

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Iċ-Ċilì	Kwantità (m^3)	130 303	180 686	119 707	147 997
	Indiċi	*100*	*139*	*92*	*114*
	Sehem mis-suq (%)	8	10	9	9
	Prezz medju (EUR/m^3)	493	665	580	509
	Indiċi	*100*	*135*	*118*	*103*
Iċ-Ċina	Kwantità (m^3)	43 191	67 247	37 517	49 692
	Indiċi	*100*	*156*	*87*	*115*
	Sehem mis-suq (%)	3	4	3	3
	Prezz medju (EUR/m^3)	443	569	422	413
	Indiċi	*100*	*128*	*95*	*93*
Total tal-pajjiżi terzi kollha minbarra l-Brażil	Kwantità (m^3)	216 879	190 486	48 479	46 181
	Indiċi	*100*	*88*	*22*	*21*
	Sehem mis-suq (%)	13	10	4	3
	Prezz medju (EUR/m^3)	458	524	621	538
	Indiċi	*100*	*114*	*135*	*117*

Sors: L-Eurostat

(160) L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn kienu prinċipalment minn żewġ pajjiżi, iċ-Ċilì u ċ-Ċina. Dawn iż-żewġ pajjiżi flimkien kellhom sehem mis-suq ta' 12 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni, filwaqt li l-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha li kien fadal ammontaw għal 3 % matul l-istess perjodu.

(161) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-importazzjonijiet miċ-Ċilì lejn l-Unjoni kienu jvarjaw fil-volum. Fl-2022, l-importazzjonijiet żdiedu b'39 % meta mqabbla mal-2021 u s-sehem mis-suq taċ-Ċilì żdied minn 8 % għal 10 % fl-2021. Madankollu, fl-2023, l-importazzjonijiet naqsu b'47 % u s-sehem mis-suq naqas għal 9 %. Matul il-perjodu ta' investigazzjoni, l-importazzjonijiet żdiedu mill-ġdid filwaqt li s-sehem mis-suq baqa' l-istess. B'mod ġenerali, matul il-perjodu kkunsidrat, il-kwantità totali tal-importazzjonijiet miċ-Ċilì żdiedet b'14 % u s-sehem mis-suq b'1 %. Il-prezz medju tal-importazzjonijiet żdied bi 3 %, minn EUR 493/m³ fl-2021 għal EUR 509/m³ fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(162) L-importazzjonijiet miċ-Ċina segwew xejra simili. Il-kwantitajiet tal-importazzjoni żdiedu b'56 % fl-2022 meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Fl-2023, il-volum naqas b'mod sinifikanti taħt il-livelli tal-2021, filwaqt li matul il-perjodu ta' investigazzjoni, reġa' għola 'l fuq mil-livelli tal-2021. Il-kwantitajiet kumplessivi tal-importazzjoni miċ-Ċina żdiedu bi 15 % matul il-perjodu kkunsidrat. Is-sehem mis-suq taċ-Ċina beda fil-livell ta' 3 % fl-2021, żdied għal 4 % fl-2022, u stabbilixxa ruħu fil-livell ta' 3 % kemm fl-2023 kif ukoll fil-perjodu ta' investigazzjoni. Il-prezz medju tal-importazzjonijiet Ċiniżi naqas maż-żmien minn EUR 443/m³ fl-2021 għal EUR 413/m³ fil-perjodu ta' investigazzjoni.

(163) Il-volum totali tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi l-oħrajn kollha, minbarra l-Brażil, naqas b'mod sinifikanti, jiġifieri b'79 %, matul il-perjodu kkunsidrat. Is-sehem mis-suq naqas ukoll b'mod notevoli minn 13 % għal 3 % fl-istess perjodu. Il-prezz medju żdied bi 17 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(164) Minkejja li l-kwantitajiet tal-importazzjoni miċ-Ċilì u miċ-Ċina, kif ukoll l-ishma mis-suq tagħhom, żdiedu matul il-perjodu kkunsidrat, il-fatt li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn naqsu b'mod sinifikanti jissuġġerixxi li l-importazzjonijiet kumulattivi mill-pajjiżi terzi l-oħrajn kollha, minbarra l-Brażil, fil-fatt naqsu. Din ix-xejra hija f'kuntrast qawwi mal-kwantitajiet tal-importazzjoni Brażiljani, li żdiedu bi 32 % matul l-istess perjodu, bis-sehem mis-suq tagħhom jiżdied b'14-il punt perċentwali. Matul il-perjodu kkunsidrat, il-prezzijiet tal-importazzjoni miċ-Ċilì u miċ-Ċina kienu sostanzjalment ogħla minn dawk tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Brażil, fil-perjodu ta' investigazzjoni l-prezzijiet tal-importazzjoni miċ-Ċilì kienu 71 % ogħla u miċ-Ċina kienu 39 % ogħla.

(165) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn ma kinux is-sors tad-dannu deskritt hawn fuq.

5.2.3. *Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(166) Matul il-perjodu kkunsidrat il-volum tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppa kif ġej:

Tabella 13

Prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

	2021	2022	2023	Perjodu ta' investigazzjoni
Volum tal-esportazzjonijiet (m³)	155 869	142 630	106 345	100 172
Indiċi	*100*	*92*	*68*	*64*
Prezz medju (EUR/m³)	500	687	657	601
Indiċi	*100*	*137*	*131*	*120*

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(167) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni esperjenzaw tnaqqis sinifikanti, bi tnaqqis ta' 36 %. Din ix-xejra tallinja max-xejra negattiva osservata f'oqsma oħra tal-industrija tal-Unjoni. Il-prezz medju tal-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni ra żieda ta' 20 % matul l-istess perjodu. Din iż-żieda fil-prezzijiet tal-esportazzjoni tissuġġerixxi li, filwaqt li l-volum tal-esportazzjonijiet naqas, il-valur tal-esportazzjonijiet żdied, u dan potenzjalment patta għal xi ftit mill-impatt tal-volum imnaqqas.

(168) Madankollu, il-bejgħ tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni jinkludi porzjon limitat tal-bejgħ kumplessiv tal-industrija tal-Unjoni, li jimplika li filwaqt li t-tnaqqis fl-esportazzjonijiet seta' kkontribwixxa xi ftit għall-isfidi ffaċċjati mill-industrija, probabbilment ma kellux impatt sinifikanti fuq ix-xejriet usa' li jaffettwaw l-industrija. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-impatt kumplessiv tal-esportazzjonijiet imnaqqsa fuq id-dannu għall-industrija tal-Unjoni ma setax jattenwa r-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Brażil u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

5.2.4. *Tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni*

(169) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-konsum tal-Unjoni naqas b'7 %. It-tnaqqis kien dovut għal diversi fatturi interkonnessi: l-ekonomija tal-Unjoni esperjenzat tkabbir aktar kajman fl-2023 meta mqabbla mas-sena ta' qabel (il-PDG tal-Unjoni żdied b'0,4 % fl-2023 meta mqabbel ma' 3,5 % fl-2022). Din ir-reċessjoni affettwat diversi setturi, inkluż is-setturi tal-kostruzzjoni u tal-manifattura, li huma konsumaturi ewlenin tal-plywood tal-artab. Il-prezzijiet għoljin tal-enerġija u l-inċertezza fis-suq tal-enerġija kkontribwew ukoll għal tnaqqis fil-produzzjoni industrijali u għal domanda mdgħajfa fis-setturi kollha.

(170) Għalhekk, il-Kummissjoni eżaminat jekk dan it-tnaqqis fil-konsum jistax jattenwa ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Madankollu, kif muri fit-Tabella 2 hawn fuq, minkejja t-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni, il-bejgħ tal-esportazzjoni Brażiljan żdied b'mod stabbli matul il-perjodu kkunsidrat u b'kollox bi 30 %. Din iż-żieda ssarrfet f'żieda fis-sehem mis-suq minn [30 – 35] % għal [45 – 50] %, jiġifieri 13-il punt perċentwali. B'mod parallel, u kif stabbilit fil-premessa 109, il-prezzijiet tal-importazzjoni Brażiljani kienu qed iwaqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni b'medja ta' 31,8 %. Kif muri fit-Tabella 5, il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas b'24 % u s-sehem mis-suq naqas bi 8 punti perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tnaqqis fil-konsum ma kkawżax id-dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni.

5.2.5. *Żieda fil-kost tal-produzzjoni*

Żieda fil-kost tal-materja prima

(171) ABIMCI nnotat li d-dannu allegat esperjenzat mill-industrija tal-Unjoni huwa dovut għal "żieda bla preċedent fil-prezzijiet tal-materja prima" u jenħtieġ li ma jiġix attribwit għall-importazzjonijiet mill-Brażil.

(172) Il-Kummissjoni vverifikat li l-kost tal-materja prima tabilħaqq esperjenza żieda ġenerali fil-perjodu kkunsidrat.

(173) Il-Kummissjoni sabet li f'kundizzjonijiet normali tas-suq, l-industrija tal-Unjoni kienet tkun tista' żżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha biex tqis iż-żieda fil-kost tal-materja prima u tgħaddi dawn il-kostijiet lill-klijenti tagħha. Madankollu, filwaqt li l-produtturi tal-Unjoni żiedu l-prezzijiet tagħhom, ma setgħux jagħmlu dan biżżejjed biex ikopru ż-żidiet fil-kostijiet tal-produzzjoni minħabba l-influss sinifikanti ta' importazzjonijiet Brażiljani bi prezzijiet baxxi b'mod inġust.

(174) Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni u kkonkludiet b'mod proviżorju li ż-żieda fil-kost tal-materja prima ma naqqsitx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Brażiljani oġġett ta' dumping u d-dannu materjali tal-produtturi tal-Unjoni.

Żieda fil-kost tal-enerġija

(175) ABIMCI affermat li ż-żieda fil-kostijiet tal-enerġija minħabba l-gwerra Russa kontra l-Ukrajna kkontribwiet b'mod sinifikanti għad-dannu esperjenzat mill-industrija tal-Unjoni. Huma affermaw li dawn il-kostijiet għoljin tal-enerġija, u mhux il-kompetizzjoni mill-importazzjonijiet Brażiljani, li kienu primarjament responsabbli għad-dannu li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

(176) Il-Kummissjoni sabet li ż-żieda fil-kostijiet tal-enerġija kellha tabilħaqq impatt fuq iż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni. Madankollu, dan l-impatt ma kienx deċiżiv. Il-produtturi tal-Unjoni ġġeneraw parti mill-enerġija tagħhom stess mill-bijomassa (ċipep, qoxra tas-siġar, serratura tal-injam, fuljetti difettużi). Barra minn hekk, parti mill-produtturi tal-Unjoni kienu ħħeġġjaw il-kostijiet esterni tal-elettriku tagħhom għall-perjodu ta' investigazzjoni. B'riżultat ta' dan, iż-żieda fil-kostijiet tal-enerġija kienet tirrappreżenta biss żieda żgħira fil-kostijiet matul il-perjodu kkunsidrat. B'konsegwenza ta' dan, l-industrija tal-Unjoni kienet relattivament protetta tajjeb mill-kriżi tal-enerġija. Barra minn hekk, il-kostijiet tal-enerġija kienu jirrappreżentaw inqas minn 11 % tal-kost tal-produzzjoni. Fl-aħħar nett, taħt kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta, l-industrija tal-Unjoni kienet tkun f'pożizzjoni li tgħaddi din iż-żieda moderata fil-kost tal-produzzjoni lill-klijenti tagħha, iżda ma setax tagħmel hekk minħabba s-soppressjoni tal-prezzijiet ikkawżata mill-importazzjonijiet Brażiljani.

(177) Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni u kkonkludiet b'mod proviżorju li ż-żieda fil-kost tal-materja prima ma naqqsitx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Brażiljani oġġett ta' dumping u d-dannu materjali tal-produtturi tal-Unjoni.

Żieda fil-kost tat-trasport

(178) ABIMCI affermat li l-produtturi tal-Unjoni ġew affettwati b'mod negattiv miż-żieda fil-kostijiet tat-trasport, u dan ikkontribwixxa għad-diffikultajiet finanzjarji tagħhom. Madankollu, il-Kummissjoni sabet li l-industrija tal-Unjoni tikseb il-materja prima tagħha lokalment, u minħabba l-prossimità tal-bażi tal-klijenti primarja tagħha fl-Unjoni u fir-Renju Unit, il-kostijiet tat-trasport għall-prodotti lesti tagħha baqgħu baxxi. Għalhekk, kwalunkwe żieda fil-prezzijiet tat-trasport ma tistax titqies bħala fattur li jikkontribwixxi għad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Konsegwentement, il-Kummissjoni ċaħdet dawn l-affermazzjonijiet.

Varjazzjonijiet mhux favorevoli fir-rati tal-kambju

(179) ABIMCI sostniet li l-varjazzjonijiet fir-rati tal-kambju kellhom impatt sinifikanti fuq il-kompetittività u l-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni. Huma argumentaw li movimenti mhux favorevoli fir-rati tal-kambju żiedu l-kost relattiv tal-oġġetti prodotti fl-UE meta mqabbla mal-importazzjonijiet, u affettwaw direttament il-benesseri finanzjarju tal-industrija tal-Unjoni. ABIMCI indikat każijiet fejn id-deprezzament tal-Euro kontra l-muniti ewlenin għamel l-oġġetti importati, inkluż dawk mill-Brażil, aktar affordabbli minn alternattivi prodotti domestikament.

(180) Il-produtturi kollha tal-Unjoni fil-kampjun akkwistaw l-injam tagħhom lokalment. Il-Kummissjoni ma sabitx impatt importanti tal-bidliet fir-rati tal-kambju fuq dan jew fuq kwalunkwe fattur maġġuri ta' kost ieħor. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet dan l-argument.

5.2.6. *Żieda fil-kost tal-bejgħ*

(181) ABIMCI argumentat li ċ-ċertifikazzjonijiet meħtieġa għall-bejgħ tal-plywood tal-artab huma aktar għaljin fl-UE milli fil-Brażil minħabba domanda aktar baxxa u ħafna burokrazija.

(182) ABIMCI ma ssostanzjatx din l-allegazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet dan l-argument.

5.2.7. *Kundizzjonijiet tal-bejgħ aħjar*

(183) ABIMCI argumentat li d-deċiżjonijiet tal-klijenti li jixtru plywood tal-artab Brażiljan ikunu influwenzati addizzjonalment minn servizz ta' wara l-bejgħ aħjar u konsenji aktar rapidi meta mqabbla mal-produtturi tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-produtturi tal-Unjoni jkunu ħadu vantaġġ fl-2022 minn domanda li kienet qed tiffjorixxi u żiedu l-prezzijiet tagħhom b'mod esponenzjali.

(184) ABIMCI ma ssostanzjatx l-affermazzjoni dwar servizz aħjar ta' wara l-bejgħ u konsenji aktar rapidi. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda evidenza li l-klijenti jippreferu l-plywood tal-artab Brażiljan minħabba l-prezzijiet għoljin mitluba mill-produtturi tal-Unjoni fl-2022. Għalhekk, l-argument ġie miċħud.

5.3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(185) L-analiżi tad-dannu wriet li matul il-perjodu kkunsidrat, l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Brażil żdiedu bi 30 %, minkejja tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-prezz tal-importazzjonijiet Brażiljani oġġett ta' dumping naqas bi 11 % filwaqt li l-kostijiet tal-produzzjoni tal-Unjoni żdiedu bi 33 %, u dan irriżulta f'importazzjonijiet Brażiljani oġġett ta' dumping kisbu sehem mis-suq addizzjonali ta' 13 % għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni, li rat tnaqqis ta' 20 % fil-volum ta' bejgħ u telf ta' 7 % fis-sehem mis-suq. Dan wassal biex il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni naqset drastikament, bil-profitti jonqsu għal-livell insostenibbli ta' 2 % matul l-investigazzjoni. Id-distakk konsiderevoli fil-prezzijiet bejn l-importazzjonijiet Brażiljani oġġett ta' dumping u l-prodotti tal-Unjoni (EUR 302/m³ kontra EUR 508/m³) impedixxa lill-industrija tal-Unjoni milli tgħolli l-prezzijiet tagħha biex tikkumpensa għaż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni u żżomm il-profittabbiltà.

(186) Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi kollha magħrufin fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(187) Filwaqt li l-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni setgħet ikkontribwiet sa ċertu punt għad-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni, dan ma naqqasx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali li nstab.

(188) Fir-rigward tal-effetti tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn u l-importazzjonijiet mhux oġġett ta' dumping mill-Brażil, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawk l-importazzjonijiet ma naqqsux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Brażil u d-dannu tal-industrija tal-Unjoni.

(189) Rigward it-tnaqqis fil-konsum u ż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni, l-industrija tal-Unjoni ltaqgħet ma' sfidi matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Mingħajr il-pressjoni fuq il-prezzijiet eżerċitata mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, l-industrija setgħet taġġusta l-prezzijiet tagħha biex takkomoda kostijiet ogħla u twieġeb b'mod aktar effettiv għall-kundizzjonijiet tas-suq li kienu qed jinbidlu. Kif imsemmi qabel, l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping jenħtieġ li ma jipprevjenux lill-produtturi tal-Unjoni milli jittrasferixxu ż-żidiet fil-kostijiet għall-prezzijiet tagħhom. Konsegwentement, minkejja li l-industrija ffaċċjat l-isfidi ta' żieda fil-kostijiet u tnaqqis fid-domanda, dawn il-fatturi ġew iddeterminati li ma attenwawx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Brażil u d-dannu tal-industrija tal-Unjoni.

(190) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet f'dan l-istadju li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżaw dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni u li l-fatturi oħrajn, bħall-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, ma attenwawx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu materjali. Id-dannu jikkonsisti minn sehem mis-suq, produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni, użu tal-kapaċità, produttività, profittabbiltà, stokks tal-għeluq, fluss ta' flus u redditu fuq l-investimenti imnaqqsa.

6. **LIVELL TAL-MIŻURI**

(191) Sabiex tiddetermina l-livell tal-miżuri, il-Kummissjoni eżaminat jekk dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ikunx biżżejjed biex jitneħħa d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping lill-industrija tal-Unjoni.

6.1. **Marġni tad-dannu**

(192) Id-dannu jitneħħa jekk l-industrija tal-Unjoni tkun tista' tikseb profitt fil-mira billi tbigħ bi prezz fil-mira fis-sens tal-Artikoli 7(2)(c) u 7(2)(d) tar-Regolament bażiku.

(193) F'konformità mal-Artikolu 7(2c) tar-Regolament bażiku, biex tistabbilixxi l-profitt fil-mira, il-Kummissjoni qieset il-fatturi li ġejjin: il-livell ta' profittabbiltà qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet mill-pajjiż li qiegħed jiġi investigat, il-livell ta' profittabbiltà meħtieġ biex ikopri l-kostijiet u l-investimenti kollha, ir-riċerka u l-iżvilupp (R&Ż) u l-innovazzjoni, u l-livell ta' profittabbiltà mistenni f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni normali. Jenħtieġ li tali marġni ta' profitt ma jkunx inqas minn 6 %.

(194) Bħala l-ewwel pass, il-Kummissjoni stabbiliet profitt bażiku li jkopri l-kostijiet sħaħ f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Ma kienx possibbli li jiġi stabbilit marġni ta' profitt fuq il-bażi tal-ebda sena mis-snin immedjatament qabel iż-żieda fis-sehem tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Brażil. Is-snin 2021 u 2022 instabu li kienu influwenzati ħafna mill-irkupru ekonomiku ta' wara l-COVID-19 u ma dehrux xierqa biex jiġi stabbilit il-profitt fil-mira. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset aktar xieraq li tuża l-livell ta' profittabbiltà ta' 9 % li ntlaħaq fl-2017.

(195) L-industrija tal-Unjoni pprovdiet evidenza li l-livell tagħha ta' investimenti, ta' riċerka u żvilupp (R&Ż) u ta' innovazzjoni matul il-perjodu kkunsidrat kien ikun ogħla f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Il-Kummissjoni vverifikat din l-informazzjoni abbażi ta' pjanijiet ta' investiment u ta' proġetti rifjutati jew posposti, u wriet li dawn l-investimenti kienu ġenwinament ippjanati. Sabiex tirrifletti dan fil-profitt fil-mira, il-Kummissjoni kkalkolat id-differenza bejn il-kostijiet tal-investimenti, tar-R&Ż u tal-innovazzjoni f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni kif ipprovduti mill-industrija tal-UE u vverifikati mill-Kummissjoni u l-kostijiet reali tal-investimenti, tar-R&Ż u tal-innovazzjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(196) Tali differenza, espressa bħala perċentwal tal-fatturat, kienet ta' 0,03 % u ġiet miżjuda mal-profitt bażiku ta' 9 % imsemmi fil-premessa 194, li wassal għal profitt fil-mira ta' 9,03 %.

(197) F'konformità mal-Artikolu 7(2d) tar-Regolament bażiku, bħala pass finali, il-Kummissjoni vvalutat il-kostijiet futuri li jirriżultaw mill-Ftehimiet Ambjentali Multilaterali, u l-protokolli tagħhom, li l-Unjoni hija parti għalihom, u tal-Konvenzjonijiet tal-ILO elenkati fl-Anness Ia li l-industrija tal-Unjoni se ġġarrab matul il-perjodu tal-applikazzjoni tal-miżura skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Abbażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni stabbiliet kost addizzjonali għal kull produttur tal-Unjoni ta' EUR [0-5]/m^3, meta mqabbel mal-kost reali tal-konformità ma' tali konvenzjonijiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Dan il-kost addizzjonali ġie miżjud mal-prezz mhux dannuż.

(198) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni kkalkolat prezz mhux dannuż ta' EUR 565/m^3 għall-prodott simili tal-industrija tal-Unjoni billi applikat il-marġni ta' profitt fil-mira msemmi hawn fuq (ara l-premessa 193) għall-kost tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni u mbagħad żiedet l-aġġustamenti skont l-Artikolu 7(2d) fuq bażi ta' tip b'tip.

(199) Il-Kummissjoni mbagħad iddeterminat il-livell tal-marġni tad-dannu fuq il-bażi ta' tqabbil tal-prezz medju ponderat tal-importazzjoni tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun fil-Brażil, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz, mal-prezz medju ponderat mhux dannuż tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ġiet espressa bħala perċentwal tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjoni.

(200) Il-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu għal "kumpaniji oħrajn li kkooperaw" u għal "importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat" huwa definit bl-istess mod bħall-marġni tad-dumping għal dawn il-kumpaniji (ara l-premessi 90 sa 93).

Pajjiż	Kumpanija	Marġni tad-dumping (%)	Marġni tad-dannu (%)
Il-Brażil	Indústria de Compensados Sudati Ltda. Conply Indústria de Compensados Ltda. Indústria de Compensados Guararapes Ltda.	5,4	94,0
	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	5,4	94,0
	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat	5,4	94,0

6.2. **Konklużjoni dwar il-livell ta' miżuri**

(201) Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, jenħtieġ li d-dazji anti-dumping proviżorji jiġu stabbiliti kif ġej f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju anti-dumping proviżorju (%)
Il-Brażil	Indústria de Compensados Sudati Ltda. Conply Indústria de Compensados Ltda. Indústria de Compensados Guararapes Ltda.	5,4
	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	5,4
	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat	5,4

7. **INTERESS TAL-UNJONI**

(202) Wara li ddeċidiet li tapplika l-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx tikkonkludi b'mod ċar li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ, minkejja d-determinazzjoni ta' dumping dannuż, f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tal-interessi varji kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija, tal-importaturi u tal-utenti tal-Unjoni.

7.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(203) L-ilment tressaq mis-Softwood Plywood Consortium, li huma erba' produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw aktar minn 60 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-plywood tal-artab.

(204) L-impożizzjoni ta' miżuri ttejjeb il-kundizzjonijiet tas-suq għall-produtturi tal-Unjoni. Dan jippermettilhom isaħħu l-pożizzjoni kompetittiva tagħhom, jirkupraw il-bejgħ u s-sehem mis-suq mitlufa, iżidu l-użu tal-kapaċità tagħhom, u jaġġustaw l-ipprezzar tagħhom għal livelli vijabbli. Konsegwentement, dan itejjeb il-profittabbiltà tagħhom sal-grad mistenni fil-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta.

(205) Fin-nuqqas ta' tali miżuri, l-industrija tal-Unjoni tkompli tesperjenza dannu materjali minħabba s-soppressjoni persistenti tal-prezzijiet ikkawżata mill-influss ta' importazzjonijiet bi prezz baxx wisq mill-Brażil. Dan iwassal għal tnaqqis aċċellerat fis-sehem mis-suq, fil-bejgħ u fil-produzzjoni, għal tnaqqis ulterjuri fl-użu tal-kapaċità, u biex l-operazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni ma jkunux fattibbli. Is-sitwazzjoni prevalenti tad-defiċit tmur għall-agħar, u tħalli impatt qawwi fuq l-investimenti u l-impjiegi futuri fl-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni ddeterminat li l-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji hija allinjata mal-aħjar interessi tal-industrija tal-Unjoni.

7.2. **Interess ta' importaturi mhux relatati**

(206) Importatur mhux relatat ieħor Schüttler Holzmakler/Agentur e.K. argumenta li l-kapaċitajiet tal-produtturi tal-Unjoni ma jkunux biżżejjed biex ikopru d-domanda.

(207) Il-Kummissjoni tenniet li l-għan tal-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet Brażiljani mhuwiex li jiġu eliminati dawn l-importazzjonijiet iżda li tiġi restawrata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza li l-miżuri jwasslu għal tnaqqis fil-kompetizzjoni fis-suq tal-Unjoni, speċjalment minħabba li l-investigazzjoni kkonfermat diversi sorsi ta' provvista ta' plywood tal-artab lejn l-Unjoni, inklużi l-produtturi tal-Unjoni, il-produtturi Brażiljani kif ukoll importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn, bħaċ-Ċilì u ċ-Ċina.

(208) Huwa probabbli li l-importaturi jkunu jistgħu jgħaddu l-kostijiet addizzjonali tad-dazji lill-klijenti tagħhom. Il-bejgħ mill-ġdid tal-plywood tal-artab Brażiljan jirrappreżenta biss parti żgħira min-negozju tal-importaturi u jikkontribwixxi biss għal sehem żgħir mill-profittabbiltà tagħhom. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma għandu jirriżulta l-ebda impatt kbir fuq il-profittabbiltà tal-importaturi mill-impożizzjoni tad-dazji fil-livell determinat. Filwaqt li d-dazji ma jidhrux fl-interess tal-importaturi mhux relatati, il-Kummissjoni kkonkludiet li dan ma jikkostitwixxix raġuni konvinċenti kontra l-impożizzjoni tad-dazji filwaqt li jitqies l-impatt limitat tad-dazji fuq l-importaturi mhux relatati.

7.3. **Interess tal-utenti, tal-konsumaturi jew tal-forniturі**

(209) Il-PTIA argumentat li l-impożizzjoni ta' dazji għoljin fuq l-importazzjonijiet mill-Brażil twassal għal żieda fil-kostijiet għall-utenti tal-UE u għall-konsumaturi finali. Il-PTIA enfasizzat li l-utenti tal-UE, partikolarment f'setturi li jiddependu fuq il-plywood tal-injam artab, isibuha diffiċli biex jassorbu dawn il-kostijiet jew jgħadduhom lill-klijenti, li jistgħu jirrikorru għal alternattivi oħos ipproċessati f'pajjiżi terzi. Dan fl-aħħar mill-aħħar idgħajjef il-valur miżjud tal-oġġetti manifatturati fl-Unjoni u jaffettwa serjament l-interessi tal-utenti u tas-setturi ekonomiċi li jiddependu fuq dawn l-importazzjonijiet.

(210) Barra minn hekk, il-PTIA enfasizzat li l-industrija tal-Unjoni ma tkunx tista' tissodisfa bis-sħiħ id-domanda għall-plywood tal-artab, peress li l-importazzjonijiet storikament kellhom rwol kruċjali fl-iżgurar tal-provvista, partikolarment fis-segmenti aktar baxxi tas-suq.

(211) Utent wieħed, Euroline, manifattur tal-għamara fl-Unjoni, ippreżenta ruħu u nnota li d-dazji anti-dumping possibbli imposti fuq l-importazzjonijiet Brażiljani jwasslu għal żidiet sinifikanti fil-prezz, li jagħmlu ħsara lill-kompetittività tal-kumpaniji tal-Unjoni. Huwa nnota wkoll li ma hemm l-ebda alternattiva tajba għall-prodotti tal-injam artab minħabba li l-prodotti tal-plywood tal-injam iebes huma aktar għaljin, u materjali oħra bħall-MDF/HDF u l-partikoli laminati ma għandhomx proprjetajiet fiżiċi adattati għall-prodotti tiegħu. Huwa enfasizza wkoll l-implikazzjonijiet negattivi għall-katina ta' provvista u tal-impjiegi tal-Unjoni.

(212) Il-Kummissjoni ma sabet l-ebda evidenza li tissuġġerixxi li l-produtturi tal-Unjoni ma jkunux jistgħu jissodisfaw id-domanda tas-suq tal-Unjoni fix-xenarju improbabbli fejn l-importazzjonijiet Brażiljani tal-prodott ikkonċernat kellhom jieqfu wara l-impożizzjoni ta' dazji anti-dumping. Barra minn hekk, id-dazji anti-dumping potenzjali huma relattivament modesti u x'aktarx li ma jwasslux għal żidiet sostanzjali fil-prezzijiet, ma jfixklux il-ktajjen ta' provvista u ma joħolqux riskji għall-impjiegi fl-Unjoni. Il-Kummissjoni qieset ukoll id-disponibbiltà ta' forniturі alternattivi f'pajjiżi terzi oħrajn, minbarra l-kapaċitajiet sostanzjali ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Hija vvalutat li l-utenti jkunu jistgħu jkomplu jakkwistaw plywood tal-artab ta' kwalità u fi kwantità adegwati minn diversi forniturі fl-Unjoni, f'pajjiżi terzi oħrajn, inklużi ċ-Ċilì u ċ-Ċina, kif ukoll minn fornitur fil-Brażil bi prezzijiet mhux oġġett ta' dumping. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li, jekk il-miżuri anti-dumping jiġu implimentati, l-impatt tagħhom fuq l-utenti jkun limitat.

7.4. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(213) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet persważivi li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri fuq l-importazzjonijiet tal-plywood tal-artab li joriġina mill-Brażil f'dan l-istadju tal-investigazzjoni.

8. **MIŻURI PROVIŻORJI ANTIDUMPING**

(214) Abbażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni dwar id-dumping, id-dannu, il-kawżalità, il-livell tal-miżuri u l-interess tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri proviżorji biex jiġi evitat dannu ulterjuri lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(215) Jenħtieġ li jiġu imposti miżuri proviżorji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-plywood tal-artab li joriġina mill-Brażil, f'konformità mar-regola tad-dazju inferjuri fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni qabblet il-marġni tad-dannu u l-marġni tad-dumping fil-premessa 201 aktar 'il fuq. L-ammont tad-dazji ġie stabbilit fil-livell l-aktar baxx tal-marġni tad-dumping u l-marġni tad-dannu.

(216) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, jenħtieġ li r-rati tad-dazju anti-dumping proviżorji, espressi fuq il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, ikunu kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Dazju anti-dumping proviżorju (%)
Il-Brażil	Indústria de Compensados Sudati Ltda. Conply Indústria de Compensados Ltda. Indústria de Compensados Guararapes Ltda.	5,4
	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	5,4
	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat	5,4

(217) Ir-rata tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikata f'dan ir-Regolament ġiet stabbilita fuq il-bażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, tirrifletti s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' din il-kumpanija. Din ir-rata tad-dazju hija applikabbli esklużivament għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiż ikkonċernat u manifatturat mill-entitajiet legali msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat manifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inkluż l-entitajiet relatati ma' dawk imsemmija b'mod speċifiku, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għal "l-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat". Jenħtieġ li dawn ma jkunu soġġetti għall-ebda waħda mir-rati tad-dazju anti-dumping individwali.

(218) Sabiex jiġu minimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, huma meħtieġa miżuri speċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali. L-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali hija applikabbli biss mal-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(4) ta' dan ir-Regolament. Sakemm tiġi ppreżentata tali fattura, jenħtieġ li l-importazzjonijiet ikunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għal "l-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat".

(219) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali għall-importazzjonijiet, din mhijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anki jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(4) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jridu jwettqu l-kontrolli normali tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħrajn kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti dwar it-trasport fuq l-ilma, eċċ.), sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u biex jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju aktar baxxa tkun iġġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(220) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'tali ċirkostanzi u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet, tista' tinbeda investigazzjoni anticirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost oħrajn, teżamina l-ħtieġa għat-tneħħija ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju għall-pajjiż kollu.

9. **REĠISTRAZZJONI**

(221) Kif imsemmi fil-premessa 3, il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat soġġetti għal reġistrazzjoni. Ir-reġistrazzjoni saret bil-ħsieb li possibbilment jinġabru d-dazji b'mod retroattiv skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku.

(222) Bil-ħsieb tas-sejbiet fl-istadju proviżorju, jenħtieġ li ma titkompliex ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet.

(223) F'dan l-istadju tal-proċediment ma ttieħdet/tista' tittieħed l-ebda deċiżjoni dwar l-applikazzjoni retroattiva possibbli ta' miżuri anti-dumping.

10. **INFORMAZZJONI FL-ISTADJU PROVIŻORJU**

(224) F'konformità mal-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni informat lill-partijiet interessati dwar l-impożizzjoni ppjanata ta' dazji proviżorji. Din l-informazzjoni ġiet magħmula disponibbli wkoll għall-pubbliku ġenerali fuq is-sit web tad-DĠ TRADE. Il-partijiet interessati ngħataw 3 ijiem tax-xogħol biex jipprovdu kummenti dwar l-akkuratezza tal-kalkoli ddivulgati b'mod speċifiku lilhom.

(225) Il-produttur esportatur Brażiljan Guararapes wieġeb għall-informazzjoni mibgħuta lilu u nnota żball klerikali fil-kalkoli, jiġifieri li l-Kummissjoni kienet inkludiet it-trasport bil-baħar u l-assigurazzjoni fuq il-bejgħ tagħhom lill-klijenti mhux relatati fl-Unjoni għall-bejgħ liberu abbord ("FOB") tagħhom.

(226) Il-Kummissjoni aċċettat l-affermazzjoni li l-iżball klerikali jenħtieġ li jiġi kkoreġut u tneħħi l-ammont li jikkorrispondi għat-trasport tal-merkanzija bil-baħar u l-assigurazzjoni fuq il-bejgħ FOB ta' Guararapes lill-klijenti mhux relatati fl-Unjoni mill-kwoti mnaqqsa mill-prezz tal-esportazzjoni. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni kkoreġiet il-marġnijiet tad-dumping għal Guararapes, il-Grupp SCG, il-produtturi esportaturi li kkooperaw mhux fil-kampjun u l-produtturi esportaturi li ma kkooperawx.

(227) Ma wasal l-ebda kumment ieħor dwar l-informazzjoni mibgħuta.

11. **DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

(228) Fl-interessi ta' amministrazzjoni tajba, il-Kummissjoni se tistieden lill-partijiet interessati jressqu kummenti bil-miktub u/jew jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Smigħ fil-proċeduri kummerċjali fi żmien skadenza fissa.

(229) Is-sejbiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' dazji proviżorji huma proviżorji u jistgħu jiġu emendati fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping proviżorju huwa impost fuq l-importazzjonijiet tal-plywood li jikkonsisti biss minn folji tal-injam (għajr il-bambù), b'kull folja ma taqbiżx il-ħxuna ta' 6 mm, biż-żewġ saffi ta' barra tal-injam koniferu, kemm jekk miksija jew bil-wiċċ miksi kif ukoll jekk le ("plywood tal-artab"), li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċijiet NM 4412 39 00 u li joriġinaw mill-Brażil.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping proviżorju applikabbli għall-prezz nett, ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandhom ikunu kif ġejjin:

Pajjiż ta' oriġini	Kumpanija	Dazju anti-dumping proviżorju (%)	Kodiċi addizzjonali TARIC
Il-Brażil	Indústria de Compensados Sudati Ltda. Conply Indústria de Compensados Ltda. Indústria de Compensados Guararapes Ltda.	5,4	89XQ
	Kumpaniji oħrajn li kkooperaw elenkati fl-Anness	5,4	Ara l-Anness
	L-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat	5,4	8999

3. Id-dazji anti-dumping mhumiex applikabbli għall-produttur esportatur Brażiljan Nereu Rodrigues & Cia Ltda (kodiċi addizzjonali TARIC 89XR).

4. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: *"Jiena, hawn taħt iffirmat(a), niċċertifika li l-(volum f'unità li qed nużaw) ta' (prodott ikkonċernat) mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fil-pajjiż ikkonċernat. Jiena niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija kompluta u korretta."* Sakemm tiġi preżentata tali fattura, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-importazzjonijiet l-oħrajn kollha li joriġinaw fil-pajjiż ikkonċernat.

5. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għall-għoti ta' depożitu ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont tad-dazju proviżorju.

6. Meta tiġi ppreżentata dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fir-rigward tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1, irrispettivament mill-oriġini tiegħu, il-piż f'm^3 tal-prodotti importati għandu jiddaħħal fil-kamp rilevanti ta' dik id-dikjarazzjoni.

L-Istati Membri għandhom, fuq bażi ta' kull xahar, jinformaw lill-Kummissjoni dwar l-għadd ta' m^3 importati taħt il-kodiċi NM 4412 39 00.

7. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

1. Il-partijiet interessati għandhom jippreżentaw il-kummenti tagħhom bil-miktub dwar dan ir-Regolament lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum kalendarju mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Il-partijiet interessati li jixtiequ jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni għandhom jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. Il-partijiet interessati li jixtiequ jitolbu seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali huma mistiedna jagħmlu dan fi żmien 5 ijiem kalendarji mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jeżamina t-talbiet li jiġu ppreżentati barra dan il-limitu ta' żmien u jista' jiddeċiedi jekk jaċċettax tali talbiet jekk ikun xieraq.

Artikolu 3

1. L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati li ma jkomplux jirreġistraw l-importazzjonijiet stabbilita f'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/922.

2. Id-data miġbura rigward prodotti li daħlu fl-UE għall-konsum mhux aktar minn 90 jum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandha tinżamm sad-dħul fis-seħħ ta' miżuri definittivi possibbli, jew it-tmiem ta' dan il-proċediment.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Novembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Produtturi esportaturi fil-Brażil li kkooperaw li mhumiex inklużi fil-kampjun

Isem	Kodiċi addizzjonali TARIC
Agil Madeiras Eireli	89XS
Agrosepac Serrados Ltda	89XT
Argenta Bonotto & Cia Ltda	89XU
Brasnile Industrial Ltda	89XV
Celplac Industria e Comercio Ldta	89XW
Comércio De Madeiras Brandes Ltda	89XX
Compensa Industry And Trade Plywood Ltda	89XY
Compensados Drabecki Ltda	89XZ
Compensados e Laminados Lavrasul S/A	89YA
Compensados Fiveply Ltda	89YB
Compensados Fuck Ltda	89YC
Compensados Laselva Ltda	89YD
Compensados Nm Ltda	89YE
Compensados Novo Milênio Ltda	89YF
Compensados Relvaplac Ltda	89YG
Compensados Scharan Ltda	89YH
Dalgallo Compensados e Portas Ltda	89YI
Dallo Madeiras Ltda	89YJ
Fabricio Antonio Moreira Neto Eireli	89YK
Faganello Industria e Comércio De Compensados Ltda	89YL
Formato Compensados Ltda	89YM
Fv De Araujo	89YN
G13 Madeiras Ltda	89YO
Guaraetá Compensados Ltda	89YP
Industrial Arbhores Compensados Eireli	89YQ
Industrial Madeireira S.A	89YR
Itamarati Plywood Industry Ltda	89YS
J8 Compensados Ltda	89YT
Laminadora Centenário Ltda	89YU
Lfr Carli & Cia Ltda	89YV
M7 Industria e Comercio e Compensados e Laminados Ltda	89YW
Madebil Madereira Bituruna Ltda	89YX
Madeiras Eulide	89YZ
Madeireira Belo Horizonte Ltda	89ZA
Madeireira Ek Ltda	89ZB
Madeireira Rio Claro Ltda	89ZC

Isem	Kodiċi addizzjonali TARIC
Madeireira Rochembach Ltda	89ZD
Marini Industria de Compensados Ltda	89ZE
Mgs Industria de Compensados Ltda	89ZF
Multi Ply Wood do Brasil SA	89ZG
Newply Madeiras Eireli	89ZH
Nobre Painéis Ltda	89ZI
Palmasola S/A Madeiras e Agricultura	89ZJ
Pinustan Industria e Comercio de Madeiras Ltda	89ZK
Placa Comercio de Madeiras e Compensados Ltda	89ZL
Miraluz Industria e Comércio de Madeiras Ltda	89ZM
Randa Portas, Molduras e Compensados Ltda	89ZN
Repinho Reflorestadora Madeiras e Compensados Ltda	89ZO
Rionile Madeiras Ltda	89ZP
Rodochapas Administradora de Bens Ltda	89ZQ
Senbra Industria e Comercio de Madeiras	89ZR
Somapar Sociedade Madereira Paranaense Ltda	89ZS
Tableros Indústria e Comércio de Painéis Ltda	89ZT
Top Pisos Industria de Artefatos de Madeiras Ltda	89ZU
VW Indústria e Comércio de Madeiras	89ZV